DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN
IL-KAPUĊĊINI MALTIN




Twajjeb Mulej, int l-ogħla tista' kollox, għalik huma
t-tifhir, is-sebħ, il-ġieħ u kemm hawn barka.
Jixirqu lilek biss, ja l-Aktar Għoli,
u l-ebda bniedem ma jistħoqqlu jlissen ismek.

L-Għanja tal-Ħlejjaq 1-2


JANNAR 2002 • IT-22 SENA • GĦADD 216 • NEWSPAPER POST














Werrej

3	**Mal-Papa f'Assisi għall-Paċi**	*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*
4	**Is-Sliem ta' Betlehem**	*minn P. Donat Spiteri OFMCap*
6	**Teleskopju fuq il-Ħajja**	*minn P. William Axiaq OFMCap*
8	**L-Għassies**	*minn P. Hilary Abela OFMCap*
10	**Tifkira ta' P. Adrian Portelli OFMCap**	*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*
12	**San Franġisk, Evanġelju Ħaj**	*minn Br Mario Vassallo OFMCap*
13	**X'inhu l-Ekumeniżmu?**	*minn Br Mario Attard OFMCap*
15	**San Franġisk u l-Ħolqien fil-Filatelija**	*minn P. Martin Micallef OFMCap*
19	**Abbużata minn missierha**	*minn P. William Axiaq OFMCap*
20	**L-itwal Lejl f'Ħajti**	*minn P. Philip Cutajar OFMCap*
22	**Abraham - Il-Ħabib ta' Alla**	*minn Mons. Lawrenz Sciberras*
24	**Faqar li jmantni l-Ħajja Fraterna**	*minn P. Frans Abela Giusti OFMCap*
25	**Flimkien Naslu**	*minn Keith Spiteri Gi.Fra.*
27	**Aħbarijiet Franġskani Kapuċċini**	
28	**Ġimgħa ta' Karità**	
29	**L-isbaħ Poeta**	*minn Jeanette Falzon*
30	**Tisliba**	*minn P. Wistin Attard OFMCap*
30	**Dan l-isem tal-Mulej**	*minn Profs. Oliver Friggieri*
31	**Dan Ġenn jew tal-Ġenn?**	*minn Br Dennis Calleja OFMCap*

DAWL FRANĠISKAN

JANNAR 2002
It-22 sena • Għadd 216



Qoxra 1:
San Franġisk mal-Ħolqien
Ikona Griega

BORD EDITORJALI:
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Ruth Delia gi.fra.
Noel Pace

DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

DISINN U LAYOUT:
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
MITBUGĦ:
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ġeddidtu l-abbonament tiegħek għal din is-sena?
Jekk le, ibgħat Lm4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz tiegħek lil:
Dawl Franġiskan,
Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14
B'hekk tkun qed tgħin lill-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

Editorjal

minn **Fr. Joe Alessandro** OFMCap

Mal-Papa f'Assisi għall-Paċi

Il-Papa Ġwanni Pawlu II qed jagħmel stedina lill-mexxejja tar-reliġjonijiet tad-dinja biex fl-24 ta' Jannar 2002 jiltaqgħu f'Assisi ħalli flimkien jitolbu għall-paċi. Din l-istedina l-Papa għamilha fid-diskors ta' l-*Angelus* tal-Ħadd, 18 ta' Ottubru, flimkien ma' l-istedina l-oħra għal jum ta' sawn u ta' talb mill-Kattoliċi kollha li sar fl-14 ta' Diċembru, bl-istess għan.

Ir-reazzjoni tal-komunitajiet kemm Lhud kif ukoll Musulmani kienu ħafna pożittivi.

Amos Luzzato, president ta' l-Għaqda tal-Komunitajiet Lhud fl-Italja, iddeskriva din l-istedina tal-Papa bħala stedina sinċiera u ferventi. "Hija stedina li wieħed ma jistax ma jilqahiex" qal Amos Luzzato, u kompla: "Naqbel ħafna ma' dan it-tip ta' ġesti simboliċi meta jkun hemm bżonnhom bħalma huwa ż-żmien ta' issa ta' gwerra kontinwa."

Min-naħa tiegħu, ir-rappreżentant tal-Lega Dinjija Musulmana fl-Italja, Mario Scialoja, ikkumenta li din hija stedina meraviljuża, u kompla: "Aħna dejjem apprezzajna l-ftuh tal-Papa lejn l-Iżlam; nifhem il-veru Iżlam, u mhux it-tgħawwiġ tiegħu. Kull ħaġa li sservi biex tiġi evitata l-konfużjoni bejn politika u reliġjon għandna nilqgħuha."

Il-Papa, li jinsab imħasseb ħafna fuq is-sitwazzjoni preżenti, jara li l-bidu ta' soluzzjoni nsibuha fil-Kelma ta' Alla li tistedinna biex negħlbu l-ħażen u l-ħażin bit-talb, bis-sawm u bil-karità. F'dan l-ispirtu ta' l-Evanġelju l-Papa stedinna biex insumu fl-14 ta' Diċembru sabiex dak li niffrankaw nagħtuh karità, u issa qed jistedinna biex fl-24 ta' Jannar ninagħqdu ma' dawk kollha ta' rieda tajba, anki jekk huma ta' twemmien differenti minn tagħna, biex flimkien nitolbu ħalli negħlbu d-differenzi li jeżistu, naħdmu għal paċi vera u dejjiema u biex ir-reliġjon ma tkun qatt motiv ta' konflitt, mibegħda u vjolenza. Hiuwa sinifikattiv ħafna l-fatt li l-Papa għażel Assisi bħala l-post ta' din il-laqgha. Żgur li kellu f'moħħu lil San Franġisk li ħadem tant għall-paċi tal-bnedmin bejniethom, tal-bnedmin ma' Alla u tal-bnedmin mal-ħolqien u ma' l-ambjent.

Hija stedina għalina lkoll li, minkejja l-faqar tagħna quddiem it-theddida ta' gwerra u ta' vjolenza, inkunu bħal Franġisku ta' Assisi, strumenti ta' paċi fejn noqgħodu, naħdmu u ngħixu. ❑



Bibbja

Is-Sliem ta' Betlehem



minn P. Donat SPITERI OFMCap

"Glorja lil Alla fl-għola tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin li joġgħbu lilu".

Din hi l-paċi ta' Betlehem. F'dan is-sens nistgħu nsejħulha "belt is-sliem" għax fiha twieled u minnha ġie "l-prinċep tas-sliem", li jagħti "sliem bla qjies" (Is 9,5-6). Hekk ħabbruh il-profeti ta' Iżrael, bħala dak li kellu jiġi biex iġib il-paċi fost il-bnedmin u jġibilhom miegħu kull barka u kull ġid (Is 11,1-9; 45,7; Eżek 34,25-26; eċċ.). Isimha *bet-lehem*, letteralment ifisser "dar il-ħobż". Imma dan hu Ġesù, "il-ħobż li niżel mis-sema" (Ġw 6, 58) u ġieb miegħu s-sliem fl-art. Hu l-ħobż tas-sliem.

XALOM

Bi kliem sabiħ il-profeti ħabbru l-qawmien il-ġdid ta' Ġerusalemm ta' wara l-eżilju, u dan aktar fis-sens tal-ġid materjali ta' l-art, in-nuqqas tal-gwerer, il-paċi u l-ħbiberija fost il-bnedmin. Bl-istess kliem ħabbru wkoll iż-żmien tal-paċi vera li kellha tiġi fost il-bnedmin mal-miġja tal-"Prinċep tas-sliem". Din hi l-paċi tal-bnedmin ma' Alla u tagħhom ilkoll bejniethom.

Fil-Lhudi hi mfissra bil-kelma *xalom*. Hi t-tislima magħrufa tal-Lhud ta' llum ukoll, kif hi l-kelma Maltija *sliem* (mill-Għarbi *salam*). Mhijiex biss kelma negattiva li timplika nuqqas ta' gwerra jew ta' ġlied fost il-bnedmin. *Xalom* tfisser dan ukoll, imma wkoll aktar minn hekk. Fis-sens pożittiv tagħha tfisser ir-rikonċiljazzjoni jew il-ħbiberija tal-bniedem ma' Alla u tal-bnedmin bejniethom minħabba fih.

Dan hu s-sliem ta' Betlehem kif ħabbru l-anġli fit-twelid ta' Ġesù. Bi kliemhom xandru l-messaġġ tal-missjoni tiegħu. Hekk għamel f'ħajtu Ġesù Kristu bix-xandir ta' l-Evanġelju tiegħu u wisq aktar bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu, li bih ħabbeb il-bnedmin ma' Alla. Għalhekk fl-aħħar ta' ħajtu seta' jgħid lid-dixxipli tiegħu: "Jiena nħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja" (Ġw 14,27).

PAX ROMANA

Minn dan il-kliem nifhmu li Ġesù għamel distinzjoni bejn is-sliem "tiegħu" u s-sliem "tad-dinja". Ġesù twieled fi żmien Ċesari Awgustu, l-imperatur ta' Ruma mis-sena 28 QK sas-sena 14 WK. Dan kien l-imperatur li stabbilixxa l-*Pax Romana*, żmien ta' waqfien mill-gwerer u, għalhekk, ta' paċi ma' l-imperu kollu. Hekk kien jixraq li l-Prinċep tas-sliem jitwieled meta d-dinja kollha kienet fis-sliem (*Toto orbe in pace composito*, kif naqraw fil-*Martyrologium Romanum*).

Imma l-paċi ta' Ġesù kienet wisq differenti minn dik li fehem ixandar Ċesari Awgusto bil-*Pax Romana*. Din kellha tinżamm bis-saħħa tal-forzi ta' l-armi, tad-dittatura u tal-biża'. Il-paċi ta' Ġesù hi l-frott tal-ġustizzja u l-

imħabba fost il-bnedmin. Din hi s-soluzzjoni għall-waqfien tal-ġlied u l-gwerer darba għal dejjem.

DON TA' ALLA

Fuq kollox il-paċi li jagħti Ġesù hi don ta' Alla, li jaħdem f'kull min irid jilqgħu. Dan hu s-sens tal-kliem "sliem lill-bnedmin li joġgħbu lilu". Ikollna s-sliem, u s-sliem tassew, bil-kondizzjoni li nkunu fi stat li nogħġbu lil Alla. Aħna aktar imdorrijin ngħidu, "lill-bnedmin ta' rieda tajba". Din hi traduzzjoni letterali tat-test Latin tal-verżjoni Vulgata – *pax hominibus bonae voluntatis*. Il-verżjoni li għandna fil-Bibbja bil-Malti (GħBM) tittraduċi aħjar il-kelma Griega *eudokìa*. Din tfisser "il-konpjaċenza", il-pjaċir, is-sodisfazzjon li Alla jsib fil-bnedmin li huma għal qalbu. Mela dawn huma "l-bnedmin li jogħġbu lilu". Għalhekk Alla lilhom jagħti d-don tas-sliem tiegħu bil-laqgħa tagħhom ma' Ibnu Ġesù Kristu.

IL-FQAJRIN TA' IŻRAEL

Fil-figura tar-rgħajja ta' Betlehem San Luqa ra l-*'anawim*, il-fqajrin ta' Iżrael; il-foqra, l-imsejknin, l-ippersegwitati u l-imwarrbin ta' kull xorta fis-soċjetà. Dan hu aspett li jaqbel ħafna mal-karattru ġenerali tat-tielet Evanġelju, li fih Luqa juri b'ħafna episodji li Ġesù ġie fid-dinja biex jerfa' l-bniedem mill-miżerja tiegħu.

Ir-rgħajja ta' Betlehem kienu mistmella mill-kbarat ta' Ġerusalemm. Billi kellhom jgħixu ma' l-imrieħel tagħhom, la kienu jinħaslu u lanqas jilbsu suret in-nies. Ftit li xejn kienu jersqu lejn Ġerusalemm u wisq aktar lejn it-Tempju, bil-ħmieġ fuqhom u bl-irwejjaħ tal-bhejjem ħerġin minnhom. Il-Fariżej, li kienu fitti fl-indafa skond il-liġijiet tal-purifikazzjonijiet tagħhom, kienu jistmelluhom u jwarrbuhom. Imma Ġesù lilhom sejjaħ lejh biex magħhom jiltaqa' l-ewwel u fil-persuna tagħhom juri li hu ġie biex isalva l-fqajrin u l-imsejknin. Lilhom ta l-ewwel it-tislima – *ix-xalom* – tiegħu.

SULTANA TAL-PAĊI

Imma l-ewwel u qabel kulħadd lil Marija ta' Nazaret, l-"iffavorita" jew il-"maħbuba" minn Alla *(kecharitomène)*. Fuq fomm l-anġlu, li wasslilha l-Bxara t-Tajba, nistgħu nqiegħdu l-kelma Lhudija li biha seta' sellmilha: *Xalom bak*. Mela Marija kienet l-ewwel waħda li daqet is-sliem ta' Binha Ġesù. Hu "s-sliem fl-art lill-bnedmin li joġgħbu" lil Alla. Żgur li ħadd daqs Marija jew aktar minnha ma wasal biex jogħġob lill-Mulej Alla. Għalhekk hi kellha tkun l-ewwel waħda li tilqa' t-tislima li l-Mulej bagħtilha mis-sema.

"Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu" (Lq 1,48). Marija hi l-ewwel fqajra ta' Iżrael tat-Testment il-Ġdid. Għalhekk kellha tkun hi li tgawdi l-ewwel il-frott tas-sliem li Binha Ġesù ġie jagħti lid-dinja; u ġie jagħtih permezz tagħha stess, għax hu r-rigal ta' l-Omm lilna l-bnedmin.

Nagħmlu sewwa nsejħulha: *Sultana tal-Paċi*. U nitolbuha biex "tagħtina r-rigal kbir tal-paċi. Hu għalhek li fil-ġrajja ta' ferħ ta' l-Ottava tal-Milied, kif ukoll ta' l-ewwel jum tas-sena, waqqafna l-Jum mondjali tal-Paċi" (il-Papa Pawlu VI, *Marialis Cultus*, 2 ta' Frar 1974,n.5).



Id-Direzzjoni ta' **KLIEM IL-ĦAJJA** qed toffri lill-qarrejja, għal matul din is-sena l-ġdida 2002, ħsibijiet u riflessjonijiet fuq il-KREDU biex tgħinna nirriflettu aktar fuq it-twemmin tagħna bħala nsara. Għaldaqstant qed jiġu ppreżentati, fid-dawl ta' l-Iskrittura, l-artikli tal-Kredu, bħalma huma: Alla l-Missier, l-Iben, l-Ispirtu s-Santu, il-Madonna, il-Ħajja ta' dejjem, is-Sagramenti, eċċ. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, il-katekumeni, jiġifieri dawk li kienu ser jitgħammdu fil-lejl tal-Għid, kienu jħejjuhom b'katekeżi fuq kull artiklu, u fil-magħmudija tagħhom jgħidu l-Kredu biex juru f'min u fiex jemmnu.

Qed tingħata wkoll dehra ġdida lil din il-pubblikazzjoni tal-Franġiskani Kapuċċini. L-issettjar ta' kull paġna huwa b'żewġ kuluri u attraenti ħafna għall-għajn. L-abbonament għal sena - tliet ħarġiet - huwa ta' Lm1 biss. L-editur: Fr Martin Micallef OFMCap, Uffiċċju Kliem il-Ħajja, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14.

Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ OFMCap.

Se nibdew sena gdida. L-izjed haga li trid tghinna biex din is-sena nibzghu ghaliha u naghmlu xi haga sabiha minnha hija r-riflessjoni fuq dak li jkun qed jigri madwarna. Din taghti sens u tifsira lill-hajja u tirrendi sena gdida zmien qawwi ta' grazzja.

1 GĦARAJJES DIŻONESTI



Jekk f'ċerti żwiġijiet qed jiġru affarijiet li jbellhuk, anki fost ċerti għarajjes qed jiġru affarijiet koroh u ta' min jistmellhom. Qed nisimgħu b'każi ta' għarajjes li jkunu ilhom snin joħorġu flimkien u fl-aħħar l-għarusa tinduna li l-għarus tagħha huwa omosesswali. Dan ikun qiegħed jittrattjieni li jiżżewwiġha, għax ikun qed jippretendi li, forsi, għad tiġi ġurnata li ma jibqax kif inhu. Il-mirakli mhumiex daqshekk faċli f'anomalija bħal din, kif nafu sew.

Barra minn hekk, ċerti għarajjes irġiel li huma miġbudin lejn is-sess tagħhom stess ma jħabblux rashom li jiżżewġu, biex ma jitilfux ċerta kumdità. Huma jidħku bl-għarusa tagħhom u jiżżewġuha biex hija tkun il-qaddejja tagħhom biss u mhux marthom. Ikunu jridu jintrabtu magħha biss biex issajrilhom, iżżommilhom id-dar xummiema, taħslilhom ħwejjiġhom u l-bqija. Imma dan mhux sew. Din hija inġustizzja soċjali kiefra li tħalli ħafna konsegwenzi koroh warajha meta l-mara li tkun issir taf l-affarijiet fuq it-taparsi żewġha.

L-għarajjes nisa suppost ikunu ftit makakki, almenu kapaċi jissuspettaw fuq ċerti atteġġjamenti u mġiba ta' l-għarajjes tagħhom. Jekk ma jitgħallmux jagħmlu hekk, jistgħu jingidmu waħda sew, jidħlu f'ħafna spejjeż ta' qrati u tribunali u ħajjithom timtela b'ħafna biki u diżappuntamenti.

Sinjur Ġesù Kristu, għinni ħalli qatt ma nidħak b'ħadd fil-ħajja tiegħi.

2 ŻEWĠ KURRENTI PERIKOLUŻI

Attwalment f'Malta għaddejjin minn taqlib soċjali, kulturali u reliġjuż. Il-kumplament ta' l-Ewropa għaddiet minn dan kollu fis-snin sittin u sebgħin. Bil-progress fit-teknoloġija u fl-informatika sibna ruħna f'mewġa ta' mentalità ġdida neġattiva u nikilista tas-snin disgħin, li għadhom kemm gerbu.

Barra min hekk, f'dawn l-aħħar snin qed jiżdiedu l-attakki kontinwi u l-kritika bla ħniena f'ċerti programmi fuq il-mezzi tax-xandir, ħalli tiġi fix-xejn il-kredibbiltà tal-Knisja Kattolika. Xi rappreżentanti tal-programmi fuq ir-radju u t-televiżjoni u ċerti artikolisti fuq il-ġurnali qed jagħmlu minn kollox biex jirrendu l-preżenza u l-influss tagħha fis-soċjetà Maltija bħala waħda għalkollox irrelevanti, ma tappellax għaż-żminijiet tal-lum, antikwata u moħħha magħluq.

Dan kollu qiegħed iwassal biex wieħed iħares lejn ir-reliġjon nisranija bħala ħaġa relattiva u privata. Tistqarr li inti kattoliku u tkun ta' reliġjon oħra mhijiex problema, mhemm xejn ħażin u oġġezzjonabbli. L-aqwa li tqim lil Alla u tgħix ħajja retta.

B'xorti ħażina għadna ma ntbaħniex li dan il-fenomenu qed iwassal għal numru kulma ma jmur jikber ta' konverżjonijiet mill-Kattoliċiżmu għal reliġjonijiet oħra, fosthom l-Islam. Dan huwa każ ta' apostasija mill-fidi. Biex nevitaw li ma jiġgrilniex hekk, kuljum fil-Missierna nitolbu 'l Alla u ngħidulu: "La ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni" (Mt 6, 13). L-ikbar deni li jista' jiġrilna hu li niċħdu formalment ir-reliġjon nisranija tagħna. Ta' min jgħid li hemm diversi Maltin li saru Musulmani b'għażla libera u personali tagħhom, u n-numru tagħhom huwa sustanzjali u dejjem jikber.

Tgħid x'għad jiġri f'pajjiżna jekk dan il-fenomenu, kemm il-Knisja kif ukoll il-Gvern, mhux se jeħduh bis-

serjetà biex isolvuh? Forsi, ħafna mill-komunitajiet li darba aċċettaw lil Kristu bil-predikazzjoni ta' San Pawl illum mhumiex Musulmani?

Mulej, ħarisni miċ-ċaħda tal-fidi.

3 IT-TĦASSIB ŻEJJED FUQ L-AFFARIJIET TAL-ĦAJJA

Darba minnhom Ġesù qal: "Min hu mill-art hu ta' l-art u jgħid ħwejjeg ta' l-art" (Gw 3, 31). Il-fatt li aħna ta' l-art jidher minn kemm moħħna fl-ħwejjeġ tal-ħajja. Dawn jimlew id-*diaries*, it-thewdin, il-ħolm, il-programm tal-ġurnata tagħna. Il-ħwejjeġ tas-sema ma tantx jinteressawna daqskemm jagħmlu hekk il-ħwejjeġ materjali. Forsi, mhux veru?

Minħabba din ir-raġuni, il-Mulej kellimna ta' spiss fl-Evanġelju dwar il-bżonn li nibżgħu għall-iskala tal-valuri fil-ħajja, inkella ħajjitna tkun fqira spiritwalment. Hu jagħmlilna sejħat u stediniet speċjali matul ħajjitna, imma t-tħassib żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja joħnoqilna l-kelma li tkun inżergħet fi qlubna (Mt 13, 22) bl-iskużi battala li nibdew inġibu jew minħabba n-negozju, jew minħabba l-istat li nkunu dħalna għalih (Lq 14, 18-20), jew minħabba r-rebgħa (Lq 12, 16-21) u raġunijiet banali oħrajn. B'hekk, diżgrazzjatament, qatt ma jirnexxielna nduqu l-ikel bnin tiegħu (Lq 14, 24).



Kemm hawn nies qed jaħsbu għal bosta affarijiet. Għandhom ħin għal kollox barra għal Alla. Għandhom ħin biex imorru l-*gym* ta' spiss matul il-ġimgħa; għandhom ħin biex iqattgħu s-sigħat fuq it-telefon ipaċpċu bla waqfien u fuq il-ħmerijiet; għandhom ħin biex jagħmlu *shoping* bis-santa fjakka kollha; għandhom ħin biex ikomplu jiffissaw fuq l-indafa tad-dar. Jekk lil dawn it-talin imbagħad tistaqsihom kemm għandhom ħin għal Alla, ma jridu xejn biex jgħidulek li ma għandhomx ħin x'jitilfu fit-talb.

Kemm qed niltaqgħu ma' għarajjes li jagħmlulek xhur sħaħ moħħhom f'ilbies, fjuri, twapet u fl-iżjed affarijiet importanti l-ikbar santu ħsieb. Dawn la jafu li jeżistu rtiri għall-għarajjes qabel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż żwieġ; la jinteressaw ruħhom biex jagħmlu qrara kalma b'appuntament ma' saċerdot, li jista' jippreparahom sew għal jum it-tieġ; la jindenjaw ruħhom biex jaqraw bil-kalma r-rit sabiħ taż-żwieġ, ħalli jitkissru spiritwalment fih fl-aħħar waqt ta' l-għerusija tagħhom. Moħħhom iżjed fi *pre-wedding, wedding and post-wedding photos* milli fi ħwejjeġ li jiswew tassew.

Forsi, mhux minn hawn ġej il-fatt li fil-ħajja ta' ħafna nies hawn ħafna superfiċjalità u artifiċjalità? Forsi, ma kellux raġun Ġesù jiġbed l-attenzjoni ta' Marta, u jgħidilha: "Marta, Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ: imma waħda hi meħtieġa.


U Marija għazlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex" (Lq 10, 41.42)?

Din il-lezzjoni daqshekk antika meta se nitgħallmuha darba għal dejjem fi żmien li tant jitlob nies spiritwali?

Mulej, agħmel li iżjed nagħti kont tal-ħwejjeġ tiegħek li jibqgħu għal dejjem milli tal-ħwejjeġ tad-dinja li jispiċċaw malajr.

Publikazzjoni ġdida

P. William Axiaq OFMCap, magħruf biżżejjed fil-qasam tal-media, għadu kemm ippubblika ktieb bit-titlu: **IŻ-ŻWIEĠ NISRANI: Don - Kisba - Qadi**. Dan huwa ġabra ta' artikli u riflessjonijiet li dehru f'diversi ġurnali u rivisti. P. William għandu ħafna għall-qalbu l-ħajja taż-żwieġ u tal-familja, u jisħaq li s-saħħa fiżika, mentali u morali fiż-żwieġ hi ta' min jieħu ħsiebha, inkella l-ambjent kollu tal-familja jmur minn taħt. Għalhekk jagħti tagħlim sod mibni fuq il-valuri ta' l-Evanġelju u t-tagħlim tal-Knisja, l-aktar fuq l-aħħar dokumenti uffiċjali li ħarġu mill-Konċilju Vatikan it-Tieni 'l hawn. Din il-kitba hija wkoll frott ir-riflessjoni attenta u premuruża fuq l-esperjenza fil-ħajja pastorali tiegħu. Il-ktieb, b'144 paġna, huwa pubblikazzjoni Reliġjon u Ħajja, mitbugħ minn P.E.G. Ltd, San Ġwann u jinbiegħ Lm 2.60





L-Għassies

minn P. Hilary ABELA OFMCap

L-għassies jistħoqqlu kull tifhir għax, waqt li wieħed jorqod b'moħħu mistrieħ, l-għassies jibqa' mqajjem iħares lir-rieqed minn kull saram tal-lejl. Fil-missjoni jkollok issib lil xi ħadd li tafdah u tqabbdu jgħassek u jgħasses il-post. Ħafna drabi jkollok tagħlaq għajnejk u thalli l-anġlu kustodju jħarsek hu

Lemħa tal-post

Mhux l-ewwel darba li fil-missjoni jkollok torqod waħdek u tissielet mal-biża' sakemm tmur għajnejk bik. Biex issib għassies tajjeb trid tagħmel wegħda.

Il-post fejn noqogħdu fil-missjoni huwa wieħed mill-isbaħ. Siġar imħawla 'l hawn u 'l hemm, bir ta' l-ilma ġieri, il-knisja li għan-nies tagħna hija l-aqwa katidral, sala parrokkjali u d-dar tagħna. Is-sbuħija tal-post hija għad-dawl tax-xemx filgħodu u tal-qamar kwinta matul il-lejl. Meta l-qamar idum ma jimla l-lejl huwa dlam ċappa li ma tagħrafx ħaġa minn oħra. Għamilna żmien nużaw il-lampi tal-pitrolju.

Din b'xi mod kienet tikser id-dalma tal-lejl.Malli tintefa m'hemmx dawl ieħor.

Mal-lejl kull ħoss donnu jikber. Imqar ħoss ta' grif mal-bieb moħħok jimtela' b'ħafna ħsibijiet. Kieku mhux għax minħabba l-biża', toħroġ tara x'inqala' biex taqta' l-kurżità. Imma l-biża' tmewwet kull qlubija.

Kien żmien il-waħx. Madanakollu Alla jaħseb f'kulħadd.

L-anġlu tal-lejl


Ġorġ, imlaqqam "Il-Ħawwief", hu żgħażugħ ta' skola imma l-mard tant ħakmu li ċaqlaqlu moħħu. Ġorġ sab il-kenn tiegħu fil-missjoni. Minn ħin għal ieħor issibu ma' wiċċek. Kull tant jiġi jitlob xi loqma ħobż jew xi ħaġa tal-flus biex jixtri l-mediċina li jkollu bżonn. Il-Ħawwief qatt ma qata' jiesu mill-miġja tiegħu fil-missjoni. L-imsejken Ġorġ trid tieħdu bil-ħlewwa għax malajr jirrabja u, biex jaqbad ifarrak jew jagħti n-nar x'imkien, ma jrid xejn.

Il-mard jaħkem lil kulħadd u żmien minnhom kont magħdud mal-morda. Kien żmien ikrah mhux minħabba l-qilla tal-marda imma għax kont waħdi fil-missjoni. Matul il-jum kont issib xi ruħ tgħidlek xi kelma imma ma' nżul ix-xemx kien jaqa' fuqi swied ta' qalb u dwejjaq għall-mewt. Kont nitlob 'l Alla biex il-lejl jgħaddi f'għamża ta' għajn

Il-Ħawwief donnu kien jaf bid-dwejjaq tiegħi f'miġjet il-lejl jew, biex ngħid aħjar, Alla nebħu bil-qagħda tiegħi. Il-passi tiegħu kienu wkoll wens għalija. Mill-bqija jgħid u jagħmel li jogħġbu. Sakemm ma tmirihx kollox sewwa.

Ġorġ kien waħħal f'moħħu li huwa l-aqwa predikatur li qatt kellha d-dinja. Kull fejn tarah għandek tilmħu jġorr il-Bibbja u xi kotba oħra li kien iddobba jew seraq minn x'imkien. Il-priedki tiegħu huma bl-Ingliż.

Priedki! M'hemm l-ebda ħsieb bejn l-ewwel sentenza u


P. Hilary Abela jirranġa fid-dar tiegħu.

dik ta' warajha. L-aqwa li jgħid xi ħaġa bl-ilsien barrani. Ħafna drabi s-suġġett idur kontra s-sokor. Mhux l-ewwel darba li wissieni biex ma nixrobx imbejjed u xorb ieħor ta' din l-għamla.

Ġorġ kien jgħid li jien missieru. Ma nafx għaliex. Jista' jingħata l-kas minħabba li kont nagħtih xi kisra ħobż u bott te jew minħabba l-fatt li kultant kont inżerżaqlu xi ħaġa tal-flus f'idejh għalkemm kien jerġa' jagħtini l-flus lura biex infaddalhomlu għal meta jsiefer lejn l-Amerika (mingħalih)

Ljieli ta' ferħ

Lejl minnhom qabad jippriedka fuq il-kruha tad-dnub b'siltiet mill-Kotba Mqaddsa. F'ħin minnhom beda jwissini biex ma niskirx u naqta' kull vizju li jista' jtellifli s-salvazzjoni ta' ruħi. Dak klen jonqosni mal-marda li kelli. Iwerwir minn Alla li għabbieni bil-piż tas-salib.

Il-lejl għadda ħarir u l-għada tajtu xi ħaġa tal-flus għall-priedka sabiħa li kien għamlIII. Il-lejl ta' wara smajtu ġej jisħaq mill-bogħod u jkanta qisu rebaħ l-ewwel premju. X'ħin wasal f'daħlet il-misraħ tal-missjoni Ġorġ donnu waqa' f'muta.




Daħal inkiss inkiss u qagħad ħiemed għal ftit żmien. Ma nafx kif smajtu jqandel l-għatu ta' fuq il-bokka tal-bir, ħin minnhom qabad jgħajjat u leħnu beda jidwi ma' kullimkien. Jidher li għaddas rasu fil-bikka tal-bir u leħnu żdied iżjed min jaqbel. Xtaqt ħriġt għalih għax stħajjiltu mgħarraq fl-ilma. Imma min jista' jieħu il-palju mal-Ħawwief. Imqar l-għażiża ommu, għax ukoll kienet tibża' minnu.

Ma' sbieħ il-jum Ġorġ ġie jħabbatli l-bieb u, b'rasu mgħaddsa lejn l-art jitlobni nagħtih xi ħaġa tal-ikel. Donnu kien xammni li kont mgħaddab għalih. Għedtlu biex ma jerġax jikxef l-għatu tal-bir u jagħmel dak l-istorbju kollu. Għal dak il-ħin deher li ftehemna. 'Il quddiem ma nafx x'kien ser jiġri - għax il-Ħawwief dejjem b'xi ħaġa ġdida, waħda isbaħ mill-oħra.

Lejlet l-għana ma ninsieha qatt. Bħas-soltu l-Ħawwief dabbar rasu lejn il-missjoni. Din id-darba ġab miegħu landa u miżwel niexef mimli żrieragħ. Intefa' bilqiegħda taħt siġra u beda jgħanni kif jidhirlu hu. Il-landa beda jużaha bħal tambur għar-ritmu tal-għana u l-miżwel b'ċekċieka biex iżejjinlu leħnu.

L-għana kienet imżewqa b'kull ton u rima li qatt ma smajt bħalhom. Ħaġa tal-għaġeb kif dan l-imbierek Ġorġ ma jaqtax nifsu jkanta. Dak il-lejl la ħassejt uġigħ u lanqas ngħas. Stħajjiltni qiegħed għall-festa ta' l-Imnarja.



Lejl ta' biża'

Ġorġ ma kontx tirraġuna miegħu kif ġieb u laħaq. Ħafna drabi kien jitlifli sabri għax ma semmgħu b'xejn. Jekk għadni niftakar tajjeb, xi tnax-il sena ilu, għall-ħabta ta' Awissu, xi ħallelin riedu jagħmlu serqa mill-missjunarji li kien hemm jaħdmu f'wieħed mill-postijiet tagħna, jismu Wema. Il-ħallelin ħadu magħhom l-arml tan-nar. Klen fllgħaxlja waqt li l-missjunarji kienu miġbura jgħidu l-aħħar talba tal-jum meta f'ħin minnhom ħabbat il-bieb. Waħda mis-sorijiet marret tistaqsi minn kien hemm qabel ma fetħet il-bieb. Ħabta u sabta nstemgħu xi tiri mill-arma tan-nar. Is-soru ntnaxret ma' l-art u sfat mejta f'għadira demm. Sħabha s-sorijiet tbikkmu u l-ħallelin daħlu b'ġirja d-dar u ħatfu l-ftit flus li sabu quddiemhom dak il-ħin u għebu f'dalmet il-lejl. L-aħbar inxterdet bħal leħħa ta' berqa.

Kont għadni ġej lura d-dar wara ġurnata xogħol mal-ħaddiema fil-bini tas-seminarju li għandna fil-parroċċa. Raġel ħabib tiegħi jiġini f'rokna u qalli: "Smajt xi ħaġa fuq sħabkom ta' Wema?" Bla ma ridt għedtlu: "Ma smajt b'xejn. Jaqaw x'inqala'?" Is-sieħeb qalli kull ma ġara fil-missjoni tagħna. Tbikkimt! Billi dak in-nhar kont waħdi, teftift xi ħaġa ta' l-ikel, raddejt ruħi 'l Alla, u għamilt kemm stajt biex norqod. U x'torqod torqod! Il-ħsieb beda jġibli xeni waħda wara l-oħra. Ħassejt bħal rogħda ma' ġismi kollu.

Ġorġ il-Ħawwief kien għamel żmien ma jersaqx lejn il-missjoni, u għal mument kont insejtu. Barra minn dan moħħi kien imsammar biss fuq il-ġrajja tal-missjoni ta' Wema.

Għall-ħabta ta' nofs il-lejl rajt leħħa ta' dawl qawwi dieħel mit-tieqa tal-kamra tiegħi li tiġi fuq it-triq midħla għal-misraħ tal-missjoni tagħna. Il-biża' kien ħakimni sewwa u qalbi bdiet tħabbat iżjed mis-soltu. Tlabt 'l Alla jħarisni minn kull saram.


Kont għadni kemm kemm spiċċajt it-talb 'l Alla li ma smajtx il-ħorn tal-karozza jdoqq b'kemm kellu saħħa. Dak il-ħin intbaħt li kien hemm Ġorġ ibagħbas mal-karozza. B'qilla kbira ħriġt għalih u widdibtu biex ma jagħmilx ħmerijiet bħal dawk. Qillti ma tantx ħakmitu għax bil-kalma kollha qalli: "Ma tafx li rrid nara l-karozza qabel ma ssuqha?"

Ġorġ il-Ħawwief !

Ma ninsieh qatt lil dan il-bniedem, jekk mhux għal ħaġa oħra, għall-wens li tani fl-iljieli li għaddejt waħdi fil-missjoni.

Tifkira ta'
P. ADRIAN PORTELLI OFMCap
1931 - 2001

minn P. Franġisku AZZOPARDI OFMCap



"F'dak li qed inħossu għall-mewt ta' Huna Adrian - niket u tifkiriet ta' meta kien magħna - żgur li toħroġ dejjem fi kliemna il-ġenerożità tiegħu, hekk kif ħarġet żgur quddiem il-Mulej li jara wisq iktar fil-fond minna." Hekk, il-Provinċjal, P. Crispin Tabone, temm l-Omelija tal-Quddiesa konċelebrata tal-funeral ta' P. Adrian li saret nhar l-Għid tal-Imwiet ta' din is-sena, fil-Knisja tas-Salib Imqaddes fil-Floriana.

P. Adrian Portelli miet ħabta u sabta fil-31 ta' Ottubru 2001, ftit wara li spiċċa l-quddiesa tas-6.15 p.m. fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, li tinsab qrib l-istess Kunvent. Billi dik kienet l-aħħar quddiesa tax-xahar ta' Ottubru, li kuljum kien iqaddisha hu, P. Adrian sellem lin-nies u raddilhom ħajr tas-sehem tagħhom matul ix-xahar kollu. Imma dik kellha tkun l-aħħar quddiesa ta' ħajtu. Bilkemm laħaq daħal fir-refittorju tal-Kunvent, li l-Mulej ma sejjaħlux biex jgħaddi mill-ħajja taż-żmien fid-dinja għal dik li tibqa' għal dejjem fost il-ħienja. Kien madwar is-7.00 p.m.

P. Adrian twieled f'Bormla fl-24 ta' Lulju 1931. Missieru Franġisku u ommu Carmela, imwielda Cassar, semmewh Ġużeppi meta għammduh. Hu kien l-ewwel wild tagħhom, warajh ġew tliet ħutu bniet: Connie, Salvina u Tessie. L-erba' aħwa trabbew iltiema minn ommhom billi din mietet meta Ġużeppi kellu 12-il sena. B'danakollu, missierhom ħa ħsiebhom sewwa u ssokta jrabbihom b'għożża u mħabba. Ġużeppi għadda tfulitu fiż-Żejtun billi fil-Gwerra l-familja marret toqgħod hemm. Hawnhekk huwa kien jattendi s-Soċjetà tat-Tagħlim Nisrani, magħrufa aħjar bħala "MUSEUM", u l-Iskola Primarja tal-Gvern. Wara, għadda għall-Kulleġġ ta' De la Salle (Cottonera), u aktar tard daħal fl-Iskola Serafika tal-Patrijiet Kapuċċini, il-Floriana.






Xellug: P. Adrian waqt l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu, 26 t'April 1959.

Fuq: P. Adrian ma' sħabu qabel marru l-Indja.

Ta' 18-il sena beda n-Novizzjat bl-isem ta' Fra Adrian nhar id-9 ta' Settembru 1949, fil-Kunvent tal-Madonna tal-Grazzja, ir-Rabat, Għawdex. Nhar il-festa ta' San Franġisk, 4 ta' Ottubru 1953, għamel il-Professjoni Perpetwa; fl-istess żmien kompla l-istudji tal-Filosofija u tat-Teoloġija sakemm ġie ordnat Presbiteru fl-14 ta' Marzu 1959.

Għall-ewwel xogħol pastorali tiegħu ġie maħtur Viċi-Kappillan u Direttur ta' l-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa. Imma f'dik il-ħidma dam ftit xhur biss, billi ġietu s-sejħa missjunarja. Matul is-snin Ħamsin, speċjalment bit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Jhansi fl-1954, il-ħeġġa għal ħidma missjunarja nħasset sewwa fil-Provinċja



P. Adrian bil-libsa bajda ta' missjunarju fl-Indja.


tagħna. B'hekk il-għadd tal-ħaddiema żdied b'uċuħ ġodda u żagħżugħa. Fost dawn ngħoddu lil Patri Adrian Portelli li, flimkien ma' P. Gabriel Bartolo u P. Pellegrino (illum Joseph) Mallia, mar jagħti sehmu f'dik id-Djoċesi ġdida fl-Indja.

Iċ-ċerimonja tat-tluq ta' dawn it-tliet missjunarji żgħażagħ saret fit-29 ta' Ottubru 1959 fil-Knisja Parrokkjali tal-Marsa. Fiha ġew mogħtija s-Salib ta' missjunarji mill-Mons. Emmanwel Galea, Isqof Awżiljarju ta' Malta, wara diskors li għamel dwar il-valur tat-tixrid ta' l-Aħbar it-Tajba u t-tnissil ta' nsara ġodda. Huma telqu minn Malta fid-29 ta' Ottubru 1959. P. Adrian dam l-Indja disa' snin sħaħ. Matulhom huwa wettaq appostolat siewi f'diversi stazzjonijiet tad-Djoċesi ta' Jhansi, bħalma huma dawk ta' Babina, fejn kien Kappillan Militari, Pakdilpur, u Manikpur. Hu kien ukoll Viċi-Kappillan tal-Kattidral *St. Anthony's* ta' Jhansi.

Meta ġie lura Malta, P. Adrian intefa' b'ġenerożità kbira għall-qadi tal-poplu ta' Alla skond il-ħtiġijiet tal-Provinċja u tad-Djoċesi ta' Malta. Insibuh Kappillan fl-Isptarijiet *St. Vincent de Paul*, ta' *Mount Carmel*, u fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal il-Ġdid. Ma' dan inżidu s-servizz li kien jagħti bħala Kappillan supplenti f'xi sptarijiet oħra. Għal bosta snin P. Adrian kellu f'idejh id-Direzzjoni Spiritwali ta' l-istudenti ta' *St. Edward's College*, fejn kien ukoll għalliem tar-Reliġjon. L-istess ħidma wettaqha f'*St. Joseph's School*, il-Blata l-Bajda. Tul l-aħħar 20 sena huwa aċċetta bil-qalb li jagħti s-sehem tiegħu bħala *Supply Priest* f'xi Parroċċi fl-Ingilterra, bħal dawk ta' Croydon, Bromley, Streamham fid-Djoċesi ta' Southwark u fin-*Nursing House St. Anne's* f'West Wickham. Dan ix-xogħol Pastorali kien apprezzat ħafna kemm mill-Kleru u kemm mill-poplu, kif fisser Rev. Fr. Emmanuel Agius fl-apprezzament li għamillu: *"Fr. Adrian was endowed with a generous heart and it was his joy to see and help people to live happily ... He came regularly to England to help out with parishes - thus supporting both the people and the priests ... Kindness was a great characteristic of this Franciscan Capuchin Friar."*

Huna Patri Adrian miet kif għex: ġeneruż sa l-aħħar, hu li ma kienx jaf jgħid "Le" lil min jitolbu xi ħaġa, kif qal il-Provinċjal fl-Omelija li semmejna fil-bidu: "Hu ħalla miktub li jixtieq ikompli jgħin lil min għandu bżonn, billi offra l-fdal tiegħu biex jgħin lill-istudenti tal-Mediċina fl-istudji tagħhom biex ikomplu jgħinu lill-bniedem fil-mard tiegħu". Din ix-xewqa ta' P. Adrian ġiet imwettqa u għalhekk il-katavru tiegħu, wara l-quddiesa, ittieħed fil-*Medical Laboratory* ta' l-Università ta' Malta f'Tal-Qroqq. Aħna nemmnu li P. Adrian, għal dak kollu li għamel, u xtaq jagħmel, b'risq il-bnedmin kollha, isib il-ħlas mistħoqq fi ħdan il-Ħallieq.

Ma' din it-tifkira nuru wkoll is-sabar u t-twemmin tagħna fil-Mulej Ġesù, li qalilna "Jiena hu l-Qawmien u l-Ħajja" (Ġw11, 25), u s-simpatija tagħna lit-tliet ħutu bil-familji kollha tagħhom. ❑



San Franġisk, Evanġelju Ħaj

minn Br Mario Vassallo OFMCap

San Franġisk jibqa' jissemma fl-istorja mhux għax wettaq xi attakk terroristiku, imma għax kien kapaċi jgħix fir-radikal dak li kull nisrani hu imsejjaħ biex jgħix - l-Evanġelju.

Fil-"Fjuretti", ktieb mill-isbaħ li jġibilna episodji mill-ħajja ta' San Franġisk, naqraw: "L-ewwel ħaġa li għandna nżommu l-ħin kollu quddiem għajnejna hi li, il-glorjuż u qaddis Franġisku fl-eghmejjel kollha ta' ħajtu kien jixbah lil Kristu mbierek" (Kap I). Mela, il-qofol tal-ħajja ta' Franġisku kien li għex ħajtu bl-istess mod ta' kif għixha Kristu.

Fl-Evanġelju, Kristu jgħidilna li min jagħżel li jimxi warajh se jsib ma' wiċċu l-iebes: xogħol, persekuzzjonijiet, mibegħda eċċ. (ara Mt 10, 16-25). Għax Franġisku kien "sommiegħ mhux trux ta' l-Evanġelju" kien jaf tajjeb b'dan kollu u għaraf jgħixu mhux waħdu, imma flimkien ma' Kristu. Dan l-għixien ta' Kristu fil-ħajja tiegħu wasslu sabiex jifraħ anke b'dawk il-mumenti l-aktar iebsin tal-ħajja tiegħu: "... u b'leħen ħieles għajjat li minn xejn aktar ma kien jimpurtah: la mill-ktajjen u lanqas mis-swat, u għall-isem ta' Ġesù hu kien lest li jsofri bil-ferħ kull tbatija" (San Bonaventura. *Legenda Maior II, 3*). Franġisku għaraf li l-akbar sigurtà fil-ħajja tal-bniedem huwa Alla biss u xejn ma jiswa' l-ġid kollu tad-dinja ħdejn li tikseb lilU: "minn issa 'l quddiem nista' ngħid b'sigurtà akbar: Missierna li inti fis-smewwiet (Mt 6, 9) għax fih qegħidt it-teżor kollu tiegħi, u ħallejt f'idejh it-tama tiegħi kollha'" (LM II, 3).



San Franġisk jiċħad ġidu. Affresk ta' Giotto, Assisi.

Aħna wkoll bħal Franġisku rridu nkunu "semmiegħa mhux torox" ta' l-Evanġelju. Franġisku kien "iġorr" miegħu l-Evanġelju kull fejn kien imur. L-Evanġelju mhuwiex biss għal waqt il-quddiesa imma huwa wkoll għal waqt ix-xogħol, fil-familja, mal-ħbieb, għall-iskejjel, għall-università, għal waqt id-divertiment u l-mistrieħ, għas-safar, għal waqt il-mard u t-tbatija u għal kull ċirkustanza tal-ħajja. Jekk il-manwal tal-ħajja tagħna jkun l-Evanġelju aħna nkunu tassew qed "nankraw ruħna fis-sod għax is-sod tagħna huwa Alla. Ladarba ankrajna ruħna fis-sod, xejn fil-ħajja ma jċaqlaqna.

Bħal Franġisku nkunu xhieda ta' Kristu tul ħajjitna kollha - bħalu nkunu miftuħin għall-oħrajn speċjalment għall-morda u l-foqra, ma nibżgħux mill-maħfra, ma nibżgħux mill-imħabba lejn dawk li jippersegwitawna, ma niddejqux inċedu postna lil min hu agħar minna, ma nistħux ngħidu kelma ta' ġid lil dawk li l-imġieba u l-kliem tagħhom xejn ma jixirqu

Il-messaġġ ta' Franġisku llum huwa biex ma nibżgħux inkunu sinjal ta' kontradizzjoni. Franġisku tant kien jilqa' bil qalb il persekuzzjonijiet min-nies tad-dinja li wasal biex jgħid li f'dan kollu wieħed isib "il-ferħ perfett" (Fjuretti Kap VIII).

Irridu nammettu li għal San Franġisk dan kollu ma kienx faċli: "...ma kienx jehda jitlob lill-Mulej, bi dmugħ nieżel wied minn għajnejh, biex jeħilsu Hu minn dawk li kienu qegħdin jeħduha kontrih u fit-tjieba tiegħu jwassal għal tmiem tajjeb ix-xewqat qaddisa li Hu stess kien nissel fih." (*LM* II, 2).

Franġisku kien kapaċi jgħix dan kollu għax kien maqgħud ma' Alla permezz tat-talb: "Għal dan ir-raġel kontemplattiv it-talb kien faraġ ... Għal dan il-bniedem attiv it-talb kien ukoll ħarsien: għax bit-talb bla waqfien tiegħu tgħallem li f'kull ma jagħmel xejn ma jafda l-ħila tiegħu, imma fil-Mulej, u jħallih jagħmel Hu" (*LM* X, 1).

Ħajjitna wkoll għandha tkun imżewqa b'mumenti ta' talb kemm personali kif ukoll fi gruppi jew għaqdiet reliġjużi. Aħjar il-ftit u tajjeb milli ħafna 'iġri u ġerri'. L-esperjenza ta' Franġisku tgħallimna li permezz tat-talb insiru nafu aħjar x'inhi r-rieda ta' Alla għalina.

"Il-Fqajjar t'Assisi beda l-mixja spiritwali tiegħu f'riġlejn il-Kurċifiss fil-knisja ta' San Damjan, max-xaqliba tal-wied. Din il-mixja wasslitu sa fuq il-għolja ta' La Verna, u hemm laħaq il-quċċata tal-perfezzjoni" (Daħla għal-*LM*).

Jalla Franġisku jkun ta' għajnuna għalina f'din il-mixja tagħna, mixja li tibda minn affarijiet u ċirkustanzi żgħar (f'riġlejn il-kurċifiss ... max-xaqliba tal-wied), imma li twassal għal affarijiet kbar (fuq il-għolja ta' *La Verna* ... il-quċċata tal-perfezzjoni). ❑

Ekumeniżmu

X'inhu Ekumeniżmu?

minn Br Mario ATTARD OFMCap

L-ekumeniżmu huwa moviment li l-għan aħħari tiegħu hu li jġib l-għaqda bejn dawk kollha li jemmnu f' Alla Trinita' u f'Ġesù Kristu bħala l-Iben ta' Alla, il-Hellies Waħdieni tal-bnedmin ta' kull żmien.

Dan il-moviment jaf il-bidu tiegħu fl-1910 f'konferenza internazzjonali missjunarja f'Edinburgh, l-Iskozja. Dak li ħareġ ċar minn din il-konferenza kien il-fatt li d-differenzi teoloġiċi u l-qsim fid-denominazzjonijiet li ġew mgħoddija lilhom minn dawk ta' qabilhom kienu tabilħaqq bħal bsaten fir-roti għat-tixrid tal-Bxara t-Tajba. Minn din l-esperjenza ħarġu tliet ħwejjeġ importanti. L-



ewwelnett din l-esperjenza nisslet niket kbir minħabba l-firda li kien hemm; it-tieni, il-konvinzjoni li l-firda hija direttament kontra r-rieda ta' Alla; it-tielet, determinazzjoni biex jitneħħew il-firdiet li kienu tassew ta' mistħija.

Tajjeb li nqisu dan li għedna fid-dawl ta' dak li qalu grupp ta' missjunarji fl-Indja f'Mejju ta' l-1919: "Aħna nemmnu li l-isfida ta' issa tistedinna biex nibku l-firdiet tagħna ta' l-imgħoddi u nduru lejn il-Mulej Ġesù Kristu biex insibu fih l-għaqda tal-ġisem imfissra fi Knisja waħda viżibbli. Qed inħabbtu wiċċna mal-missjoni kbira li nirbħu lill-Indja għal Kristu - jiġifieri wieħed minn kull ħamsa tal-ġens uman. Madankollu, anki jekk sfidati minn responsabbilta' daqshekk kbira, aħna nsibu lilna nfusna dgħajfa minħabba l-firdiet ta' qsim il-qalb ta' bejnietna - firdiet li għalihom aħna ma konniex responsabbli, li ġew bħal imġegħla fuqna minn barra; firdiet li aħna ma ħloqniex, u li ma nixtiqux li ntawlu."

Sfortunatament, uħud b'ekumeniżmu jifhmu biss djalogi teoloġiċi li jsiru bejn rappreżentanti tal-Knisja Kattolika Rumana u Knejjes u Komunitajiet Ekkleżjali oħra. Anki jekk dan id-djalogu huwa importanti biex fl-aħħar inkunu nistgħu naslu għal qbil sħiħ fuq ħwejjeġ mill-iżjed importanti fil-fidi tagħna, ngħid, bla tlaqliq, li jekk l-ekumeniżmu kellu jkun biss dan, kien ikun tassew mejjet u limitat.

L-ekumeniżmu jħaddan fih lil kull nisrani u nisranija, li bl-għejxien sħiħ ta' l-Evanġelju, kemm fuq livell individwali u bħala Knisja partikulari u wisq iżjed f'għaqda ta' għejxien ma' nsara ta' Knejjes u Komunitajiet Ekkleżjali oħra huwa l-isbaħ xhieda ta' Kristu quddiem dawk kollha li ma jemmnux fih biex huma wkoll fi Kristu jsibu lil dak li jagħtihom il-ferħ, is-sliem u, fuq kollox, tama żgura ta' ħelsien. Ħaġa oħra importanti f'din ix-xhieda hija li iżjed ma ngħixu flimkien, iżjed ma nfittxu l-wiċċ ta' xulxin, iżjed induqu u naraw kemm hu tajjeb il-Mulej f'xulxin! Huwa tassew ta' tama meta tara f'laqgħat u konferenzi ekumeniċi li jsiru, fejn kulħadd jieħu gost bil-kumpanija ta' kulħadd, fejn kulħadd iħares lejn il-wiċċ u jisma' bil-moħħ u fil-qalb dak li ħaddieħor ikun qiegħed jgħid.

Ta' min wieħed jiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-ekumeniżmu ma jsejjisx ruħu fuq sentimenti, fuq ferħ li huwa bla sinsla. L-ekumeniżmu jinbena fuq il-verita'. Il-verita' issaħħaħ u tnissel il-ferħ veru. Il-fatt li l-Knejjes u l-Komunitajiet Ekkleżjali għadhom ma waslux għall-għarfien ta' verita' waħda m'għandu jfisser qatt li naqgħtu qalbna u ninqagħtu minn xulxin. Il-kuntrarju huwa veru: iżjed ma hemm x'jifridna iżjed hemm bżonn li niltaqgħu, niddiskutu, nisimgħu lil xulxin u fuq kollox nitolbu flimkien. Dan kollu jnissel l-imħabba hienja li tifdina u ssalvana.

L-enċiklika *Ut Unum Sint*, filwaqt li tisħaq li l-għan aħħari tal-moviment ekumeniku huwa li jerġa' jwaqqaf l-għaqda sħiħa u viżibbli bejn l-imgħammdin kollha (ara *Ut Unum Sint* 77) turi l-oqsma fejn il-bżonn ta' aktar studju profond, qabel qbil tassew fil-fidi, jista' jseħħ. Dawn huma:

• Ir-relazzjoni bejn il-Kotba Mqaddsa, bħala l-ogħla awtorita' f'punti ta' fidi u t-Tradizzjoni, li hija essenzjali għall-interpretazzjoni tal-Kelma ta' Alla

• L-Ewkaristija bħala s-Sagrament tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, l-offerta ta' radd il-ħajr lill-Missier, is-sagrifiċċju ta' tifkira, il-preżenza reali ta' Kristu, l-għotja qaddisa ta' l-Ispirtu s-Santu

• L-Ordinazzjoni bħala s-sagrament għat-tliet forom ta' ministeru, jiġifieri dak ta' l-Episkopat, il-Presbiterat u d-Djakonat

• Il-Maġisteru tal-Knisja li huwa mħolli f'idejn il-Papa u l-Isqfijiet maqgħudin miegħu, li huwa mifhum bħala responsabbilta' u awtorita' li huma mħaddma f'isem Kristu għat-tagħlim u l-ħarsien tal-fidi

• Il-Verġni Marija bħala Omm Alla, Ikona tal-Knisja u Omm Spiritwali, li titlob għad-dixxipli tal-Mulej u għall-bnedmin kollha.



F'din id-daqqa t'għajn li tajna lejn x'inhu l-ekumeniżmu issa joħroġ ċar prinċipju ta' fejda: id-djalogu. X'inhu d-djalogu? Id-djalogu mhuwa xejn għajr il-famuza fraži tal-filosofu kbir Lhudi Litwan Emmanuel Levinas: "tfittex il-wiċċ ta' l-ieħor". Ma jistax jonqos li l-idea għandha għeruq bibliċi. Fis-salmi biss niltaqgħu mat-tema 'wiċċ' 34 darba, bħal ngħidu aħna: "Ejja, għedt f'qalbi, fittex 'il wiċċu; jien wiċċek infittex Mulej" (Salm 27: 8). Il-wiċċ mhuwa ħadd għajr il-persuna kif inhi, f'dan il-każ il-Mulej. Forsi mhux għalhekk li l-wiċċ huwa l-mera tal-qalb, għax jagħti tagħrif u għarfien tal-persuna sħiħa, minn barra u minn ġewwa? Fi ftit kliem, l-ekumeniżmu personalment infissru bħala li tfittex il-wiċċ. Huwa meta ssammar wiċċek ma' wiċċ l-ieħor li l-ekumeniżmu veru jibda. Però, biex dan iseħħ, huwa meħtieġ prinċipju ieħor mfisser tant tajjeb mill-Kardinal Mercier: *Il faut rencontrer* (hemm bżonn li tiltaqa'à). Nazzarda nżid "moħħ li lest li jifhem u qalb li lesta tħobb." Dan huwa d-djalogu tal-ħajja li minnu jitkellem il-Papa Ġwanni Pawlu II. Ma tridx tkun xi teologu, Skritturista, jew studjuż gwapp biex twettqu. Trid moħħ li jifhem u qalb li tħobb. Dan it-tip ta' djalogu huwa bżonnjuż daqs il-ħobż ta' kuljum fil-Knisja. Dan għaliex il-Knisja mhijiex sempliċi komunità. Il-Knisja hija ferm iżjed minn komunità. Il-Knisja hija komunjoni, li tiġbor fiha l-Poplu kollu ta' Alla.

Minn qalbi nitolbok, għażiż ħija, għażiża oħti, biex titlob għall-għaqda tal-Knisja. Iltaqà ma' nsara oħra, urihom imħabbtek, u tinsa qatt li dak li tiżra' taħsad. Iżra' l-imħabba, l-għaqda, il-mogħdrija, it-tjieba, mà dawn ħutna mifrudin minna. Tinsa qatt li inti bħala Nisrani/ja Kattoliku/a għandek sejħa kbira. Inti msejjaħ biex tkun dak li jfisser ismek 'kattoliku' jigifieri 'universali'. Għożż il-verita' sħiħa li hemm fil-Knisja Kattolika, u, meta tiġik l-opportunita' u tara li l-insara l-oħra huma lesti li jisimgħuk, dewwaqhom dak li għandek. Inti responsabbli ħafna għax dak li ġie mogħti lilek m'għandu qatt jibqa' għalik, imma, bħall-ilma ġieri, jrid jgħaddi għand ħaddieħor biex dawn ħutek ukoll ikomplu jissaħħu fil-fidi Nisranija sakemm jaslu biex bħalek jagħrfu l-milja tal-verita'. Fl-aħħarnett, tinsa qatt li l-ekumeniżmu mhuwiex sempliċiment xogħol, iżda huwa ħajja sħiħa; ħajja ta' maħfra, rikonċiljazzjoni, ferħ u tama ċerta fl-għaqda li tibda f'din id-dinja u ssib il-milja tagħha fis-Sema. Kun int ukoll bennej/a ta' ċivilizzazjoni u kultura ekumenika, mibnija fuq il-verità, is-solidarjetà u mħabba li tfejjaq, issalva, u fuq kollox tagħti ħajja u tama għal minn tassew irid jieħu l-Bxara t-Tajba bis-serjetà. ❑

San Franġisk u l-Ħolqien fil-Filatelija

L-EWWEL PARTI

Wara li s-sena l-oħra ppreżentajna serje ta' xi whud mill-isbaħ kartolini li juru monumenti u statwi ta' San Franġisk t'Assisi li nsibu f'pajjiżi differenti tad-dinja, għal din is-sena ħsibna li nżidu l-paġni għal din ir-rokna ta' Kultura Franġiskana u nippreżentaw xi bolol li fihom jidher dan il-Qaddis daqshekk maħbub u popolari kif jixhdu dawn il-bolol. Għall-benefiċċju tal-qarrejja nfakkru li fil-ħarġiet tad-Dawl Franġiskan, numri 196-201 tas-sena 2000, diġà ppreżentajna bolol oħra li juru lill-Fqajjar t'Assisi f'rabta mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u d-devozzjoni lejn il-Madonna. F'din il-ħarġa ser nikkonċentraw l-ewwel fuq dawk il-bolol li ħarġu fl-1982 biex ifakkru it-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk. Hemm aktar bolol li ħarġu għal din l-okkażjoni, imma f'din il-ħarġa ser nikkonċentraw biss fuq dawk li juru lil San Franġisk f'rabta mal-ħlejjaq. Wara dawn il-bolol, imbagħad, ser nippreżentaw bolol oħra li juru din l-istess tema. Il-bolol kollha li ser nuru qed nipproduċuhom bl-istess qies oriġinali tagħhom.

minn **P. Martin MICALLEF** OFMCap

1. Il-Portugal kien wieħed minn dawk il-pajjiżi li fakkar it-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk permezz tal-ħruġ ta' serje ta' żewġ bolol li ħarġu fl-20 ta' Jannar 1982. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 8,50 e ġiet iddisinjata minn José Luiz Tiroco u turi lill-qaddis t'Assisi mdawwar mill-annimali u l-għasafar ta' l-għajru li magħhom qed jitkellem il-qaddis.



2. Franza wkoll fakkret it-VIII Ċentinarju mit-twelid tal-Fqajjar t'Assisi. Kien propju għal dan il-pajjiż li missier San Franġisk, Pietro di Bernardone, semma lit-tifel tiegħu Ħrancesco u mhux Giovanni kif xtaqet ommu Madonna Pica. Il-bolla bil-valur ta' 2f ġiet maħruġa fis-6 ta' Frar 1982 u turi xbieha tal-wiċċ ta' San Franġisk bi sfond blu b'ħames għasafar jittajru madwaru.



3. Fl-okkażjoni tas-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk t'Assisi, l-Indja ħarġet din il-bolla bil-valur ta' 1R. Il-bolla ħarġet fl-4 t'April 1983 turi waħda mill-istatwi sbieħ ta' dan il-qaddis, xogħol ta' l-iskultur Giovanni Collina li tinsab fis-Santwarju Franġiskan ta' La Verna, il-post li fih San Franġisk irċieva l-pjagi. L-istatwa turi lill-Fqajjar t'Assisi bilqiegħda jserraħ idu x-xellugija fuq il-ktieb ta' l-Evanġelju. Fuq in-naħa tax-xellug tiegħu jidher falkun, li skond storja antika kien iqajmu kmieni filgħodu biex ifaħħar 'l Alla. Fuqnett, imbagħad, in-naħa tax-xellug tal-bolla jidher San Franġisk li qed jgħannaq miegħu lebbruż, filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin hemm xbieha oħra ta' San Franġisk iserraħ idejh fuq siġra, filwaqt li fuq idejh hemm għasfur qed jistrieħ u ieħor jittajjar.



4. Il-pajjiż ċkejken ta' Monaco wkoll fakkar it-VIII Ċentinarju mit-twelld ta' San Franġisk t'Assisi billi bħal ħafna pajjiżi oħra ħareġ bolla sabiħa bil-valur ta' 1,40 f. Il-bolla li ħarġet fit-3 ta' Mejju 1982, b'kulur griż, vjola u iswed, turi l-wiċċ tal-Qaddis t'Assisi mdawwar b'tipi differentita' għasafar






5. Bolla tassew sabiħa, din id-darba mill-Awstrija, hija dik li ħarġet fl-14 ta' Mejju 1982 biex tfakkar it-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk. Il-bolla hija replika tal-Minjatura tas-Seklu XIV tal-Manuskritt ta' Lütticher f'Liegi (Belġju). Din il-bolla li ġġib il-valur ta' 3s turi lil San Franġisk jippriedka lill-għasafar.



6. Bolla tassew oriġinali ddominata minn splużjoni ta' kuluri hija dik maħruġa mill-istat ta' San Marino fit-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 200 l ħarġet fl-10 ta' Ġunju 1982 u hija disinn ta' Renato Guttuso. Din turi l-idejn ta' San Franġisk merfugħin 'il fuq lejn is-smewwiet biex jagħtu l-ħelsien lit-tjur ta' l-ajru.

7. Il-Brażil ukoll kien wieħed minn dawk il-pajjiżi li fakkar it-VIII Ċentinarju mit-twelid tal-Fqajjar t'Assisi permezz ta' bolla. Fl-24 ta' Lulju 1982, dal-pajjiż ta' l-Amerika t'isfel ħareġ il-bolla li ġġib il-valur ta' 21 cr, disinn ta' Jorge Eduardo Alves de Souza. Il-bolla turi lil San Franġisk wieqaf, donnu ħiereġ mill-belt t'Assisi, bit-tjur ta' l-ajru mdwarrin miegħu. Il-figura ta' San Franġisk tidher li hija ispirata mill-pitturi taljani Giotto u Cimabue li tawna x'uħud mill-isbaħ affreski ta' San Franġisk li għadna nsibuhom fil-belt t'Assisi. Fin-naħa t'isfel tal-bolla, tidher il-belt sabiħa ta' Assisi li fiha twieled u għex dan il-qaddis, mibnija fuq għolja b'torrijiet u bini medjovali, kif għadha tidher hekk sa llum.



8. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif kienet magħrufa f'dak iż-żmien, ukoll ħasbet biex tfakkar it-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk, il-qaddis ħabib ta' l-annimali permezz ta' bolla li ġġib il-valur ta' 60 p. Din il-bolla turi lill-qaddis fqajjar t'Assisi jippriedka lit-tjur ta' l-ajru. Id-data tal-ħruġ tagħha kienet it-12 t'Awissu



1982, fl-87 Kungress tal-Kattoliċi Ġermaniżi li kien sar f'Düsseldorf. F'dan il-Kungress kien sar appell għall-protezzjoni tan-natura u ta' l-ambjent naturali bl-iskop li jiġu salvati dawk il-ħlejjaq li tant kien iħobb San Franġisk u li issa kienu jinsabu fil-periklu li jgħibu għal kollox minn fuq wiċċ l-art. Id-disinn tal-bolla hu ta' Peter Steiner u huwa ispirat minn wieħed mill-affreski l-aktar popolari ta' Giotto li nsibu fil-Basilika ta' San Franġisk f'Assisi.




9. Għal dan l-isfess anniversarju mit-twelid ta' San Franġisk, l-Andorra Spagnola ħarġet sett ta' tliet bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 23 Ptas hija riproduzzjoni ta' l-affresk ta' Giotto li tkellimna fuqu fil-bolla ta' qabel din. Din id-darba, il-priedka ta' San Franġisk lill-għasafar hija ddominata mill-kulur blu. Dan is-sett ta' tliet valuri ħareġ fis-7 ta' Settembru 1982.

10. L-Istati Uniti ta' l-Amerika wkoll fakkret it-VIII Ċentinarju mit-twelid tal-Fqajjar t'Assisi b'bolla tassew oriġinali li ħarġet fis-7 ta' Ottubru 1982. Il-bolla, disinn ta' Ned Seidler turi lil San Franġisk jippriedka lill-għasafar bi sfond marun li jispikka ħafna mal-kulur isfar li jidher fin-naħa t'isfel tal-bolla, u li fuqu hemm l-isem tal-qaddis (Francis of Assisi) flimkien mad-dati tat-twelid u tat-VIII Ċentinarju (1182-1982), l-isem tal-pajjiż (USA) u l-valur tal-bolla (20 c).



11. Fl-okkażjoni tat-VIII anniversarju mit-twelid ta' San Franġisk, El Salvadar ukoll ħareġ bolla bil-valur ta' 1 c. Il-bolla li ħarġet fl-10 ta' Novembru 1982 hija disinn ta' José Francisco Guadrón u turi l-episodju tal-laqgħa ta' San Franġisk mal-lupu ta' Gubbio.



12. Riproduzzjoni ta' wieħed mill-akkreski li l-aktar jiġbed l-attenzjoni ta' tant pellegrini u turisti li jżuru l-Basilika "Inferjuri" - kif inhi magħrufa - ta' San Franġisk fil-belt t'Assisi, hija l-bolla maħruġa mill-Belġju. Din iġġib id-data tas-27 ta' Novembru 1982 u ħarġet apposta biex tfakkar dan it-VIII Ċentinarju mit-twelid tal-Qaddis li tant ħabb l-annimali.



Wara li ppreżentajna dawn il-bolli li ħarġu fl-1982 biex ifakkru l-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk ta' Assisi, issa ser inkomplu b'bolol oħra li juru lill-Fqajjar t'Assisi f'rabta mal-ħolqien li tant kien iħobb u li fih kien jara l-kobor u s-sbuħija ta' Alla.

13. Fit-18 ta' Jannar 1967, fiċ-ċentinarju tat-twelid tal-poeta Rubén Dario, in-Nicaragua ħarġet serje ta' tmien bolol flimkien ma' żewġ fuljetti ddisinjati minn E.Pérez Valle. Il-bolla bil-valur ta' 2 C turi lil dan il-poeta li kiteb fuq l-istorja tal-laqgħa ta' San Franġisk t'Assisi mal-lupu ta' Gubbio, u wera kif il-bniedem faċli jsir lupu feroċi. Din l-istorja hija rappreżentata b'mod sabiħ f'din il-bolla fuq sfond aħmar u turi lill-Qaddis t'Assisi jieħu b'idejn il-lupu b'ġest ta' ħbiberija.



14. Fid-29 ta' Mejju 1969, l-Isvizzera ħarġet serje ta' 4 bolol. Dik li tinteressana hawnhekk hija l-bolla li ġġib il-valur ta' 10 c+10. Il-bolla hija meħuda minn vetrata sabiħa li nsibu fl-abbazija ta' Köningsfelden fl-Isvizzera. Din turi lil San Franġisk jippriedka lill-għasafar skond leġġenda antika ħafna li turi lil San Franġisk bħala Adam ieħor meħud fil-ġnien ta' l-Eden qabel il-waqgħa tad-dnub.



15. Il-Brażil fakkar is-750 anniversarju mill-mewt tal-Fqajjar t'Assisi billi fl-4 t'Ottubru 1976, tana din il-bolla bil-valur ta' 5,20 cr. Il-bolla turi lil San Franġisk li b'idu l-leminija, jidher qed jilqa' lill-għasafar, li niżlu minn fuq is-siġar, ikantaw madwaru bħali-kieku kellhom bżonn il-kliem u l-imħabba tiegħu.






16. Fil-25 ta' Lulju 1977, fl-okkażjoni tas-750 anniversarju mill-mewt ta' San Franġisk, iċ-Ċili, ħareġ din il-bolla, bil-valur ta' 5 p. Il-bolla turi lil San Franġisk iħares lejn is-sema, b'salib jiddi fuq sfond aħdar. Fuq in-naħa tal-lemin u tax-xellug tal-Fqajjar t'Assisi, jidhru jittajru żewġ ħamimiet bojod.


17. Fid-9 ta' Novembru 1977, il-Costa Rica, ħareġ sett ta' tliet bolol. Il-bolla bil-valur ta' 5 C iddisinjata minn Luiza Gonzáles de Sálenz turi lil San Franġisk miexi b'idejh miftuħin imdawwar bl-għasafar itiru, filwaqt li wieħed minnhom qed jistireħ fuq idu x-xellugija.



18. Fis-750 anniversarju mill-Kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, in-Nicaragua ħareġ serje ta' disa valuri flimkien ma' fuljett. Dawn ġew maħruġa fit-23 ta' Frar 1978. Id-disa' bolol li huma juri lil San Franġisk jew inkella postijiet jew affarijiet li għandhom rabta ma' dan il-qaddis. Il-bolla bil-valur ta' 2 c hija raffigurazzjoni ta' wieħed mill-affreski sbieħ li nsibu fil-Knisja "Inferjuri" - kif inhi magħrufa - ta' San Franġisk li hemm f'Assisi. Dan hu xogħol attribwit lil dak li baqa'



magħruf bħala "Maestro di San Francesco." L-affresk juri lil San Franġisk jippriedka lill-għasafar, xogħol ispirat mill-affresk ta' Giotto (1266-1337), li nsibu fil-Basilika li hemm mibnija fuq din il-knisja.



19. Il-bolla l-oħra li ġġib il-valur ta' 80 c turi l-laqgħa ta' San Franġisk mal-lupu li qed juri snienu lill-Qaddis. L-istorja tgħidilna kif San Franġlsk Irnexxlelu Jltkellem u jikkalma lil dan il-lupu feroċi li kien qed jhedded il-belt ta' Gubbio.

20. Għall-festa tal-Milied, iż-Zambia ħareġ sett ta' erba' bolol fit-3 ta' Novembru 1980. Dawn l-erba' bolli jirrappreżentaw l-istess xena għalkemm jinsabu fi kwadru b'kulur differenti. Din ix-xena hija meħuda minn vetrata li nsibu fil-knisja tal-Kattoliċi ta' Copperbelt. Din turi x-xena tat-twelid ta' Ġesù Bambin imdawwar mill-baqra u l-ħmara. Il-figura ta' San Franġisk tiddomina din il-bolla. Il-qaddis hu bilwieqfa. Fuq idejh il-leminija hemm ħamiema bajda, filwaqt li b'idejh ix-xellugija qed imelles il-lupu. Il-valuri ta' dawn il-bolol huma 8n, 28n, 32n u 42n.



21. Fl-1986 Malta ingħaqdet ma' bosta pajjiżi oħra biex tfakkar is-Sena Internazzjonali tal-Paċi. Għalhekk fit-28 ta' Jannar 1986, il-posta ta' Malta ħarġet sett ta' tliet bolol bil-valur ta' 8 c, 11 c u 27 c. Il-bolla bil-valur ta' 8c turi l-istatwa ta' San Franġisk imdawwar mill-annimali, liema statwa tinsab fil-Laboratorju tal-Paċi li jinsab f'Ħal Far, u li jidher fl-isfond ta' din il-bolla.



22. Fl-1997 l-istat żgħir ta' San Marino ħareġ sett ta' tliet bolol disinn oriġinali ta' G.Covili. Il-bolla bil-valur ta' 550 l turi lil San Franġisk t'Assisi fuq sfond blu, li qed itajjar tliet ħamimiet bojod.



Fis-750 Anniversarju mill-mewt ta' San Franġisk t'Assisi, l-istat tal-Vatikan ħareġ sett ta' sitt bolol. Dawn il-bolol ddisinjati mill-artista Duilio Cambellotti, ħarġu fl-10 ta' Marzu 1977 u jirrappreżentaw x'uħud mill-versi tal-Kantiku tal-Ħlejjaq hekk kif inhu miktub mill-istess Qaddis t'Assisi. F'din il-ħarġa ser nuru biss erbgħa minn dawn il-bolli.



23. L-ewwel bolla li ġġib il-valur ta' 50 l turi lil San Franġisk li f'idejh qed iżomm ħamiema, waqt li ħdejh hemm jistrieħ il-lupu ta' Gubbio. Il-bolla tirrappreżenta l-ewwel vers tal-Kantiku tal-Ħlejjaq: "Mulej, ħa tkun imfaħħar fil-ħlejjaq kollha tiegħek."



24. It-tieni bolla ġġib il-valur ta' 70 l: "Mulej, ħa tkun imfaħħar f'oħtna x-xemx." Il-bolla turi lil San Franġisk għar-kupptejh b'idejh 'il fuq ifaħħar lil Alla.



25. It-tielet bolla f'dan is-sett iġġib il-valur ta' 100 l: "Mulej, ħa tkun imfaħħar f'ħuna l-qamar u l-kwiekeb." Din il-bolla turi lil San Franġisk bil-lejl jikkontempla s-smewwiet u l-kobor tal-ħolqien ta' Alla.

26. Ir-raba' bolla bil-valur ta' 130l: "Mulej, ħa tkun imfaħħar f'ħuna l-ilma." Il-bolla turi lill-Fqajjar t'Assisi, imil lejn l-ilma u jmissu b'idejh biex permezz tiegħu jkompli jfaħħar 'l Alla għas-safa ta' l-ilma.



minn P. William AXIAQ OFM Cap

Abbużata minn missierha

Fr, jiena raġel miżżewweħ. Għandi l-mara naduraha daqskemm inhobbha. Sa ftit ilu qatt ma nqala' nkwiet serju fir-relazzjonijiet ta' bejnietna. Dan l-aħħar bdejt naraha ħosbiena u staqsejtha xi ġralha, imma dejjem besqitli mis-sunnara. Qatt ma tagħtni sodisfazzjon. Jien bqajt insistenti magħha għax indunajt li hemm xi ħaġa li qiegħda tnikkitha. Issikkajtha b'ċerti domandi, u fl-aħħar infetħet għalkollox miegħi u qaltli li meta kienet żgħira missierha abbuża biha. Jiena tgħidx kif sirt demonju. Ħassejt li għandi nqum u mmur nagħmel għal missierha u, għalkemm hi m'għandhiex tort, niżbel għaliha ukoll. Inħossni misrum, ma nafx x'se naqbad nagħmel. Kif irrid inġib ruħi f'din il-qagħda li sibt ruħi fiha?

Nixtieq nibda nwieġeb l-ittra tiegħek billi nfakkrek f'erba' kelmiet li naqrawhom fil-Kotba Mqaddsa. Narahom adatti ferm għalik fis-sitwazzjoni li sibt ruħek fiha bla ħsieb. San Gakbu jikteb: "Kunu afu dan, ħuti għeżież. Araw li kull bniedem ikun ħafif biex jisma'; tqil biex jitkellem; tqil biex jinkorla, għax bniedem inkurlat ma jagħmilx il-ġustizzja ta' Alla" (1, 19-20).

Fis-seba' kapitlu tar-Regola Bullata, San Franġisk jagħti dan il-parir lis-superjuri li jridu jikkoreġu lir-reliġjużi li jkunu dinbu: "Joqogħdu attenti li ma jirrabjawx, jew jitħawdu, minħabba d-dnub ta' xi ħadd, għaliex l-għadab u t-taħwid ifixklu l-karità fihom u fost l-oħrajn".



Fil-biċċa li nqagħlatlek trid tikkalma, tifhem u tagħder. Fil-ħajja, aħna u nikbru, ċerti esperjenzi li nkunu għaddejna minnhom u li jkunu ħallew ċerti konsegwenzi koroh fuqna, iżjed u iżjed jekk ikunu abbużi sesswali, jerġa' jiġi r-riħ tagħhom, jerġgħu jidhrulna u, jekk ma nkunux solvejniehom b'xi mod, żgur jagħmluhielna fis-sejħa partikolari tagħna.

Dan xi jfisser? Dan ifisser li għandek mara li għaddiet minn trawma *(shock)* psikoloġiku - min jista' jgħid kemm sofriet? - u għandha bżonn l-għajnuna, speċjalment ta' żewġha, ħalli tfiq, billi tikseb il-paċi tal-qalb li hija ferm importanti fiż-żwieġ.

Il-mara tiegħek jekk kienet żgħira x'taħti għal dak li għaddiet minnu? Hemm prinċipju morali li tajjeb tiftakru: "Wieħed ikun ħati ta' ħażen daqskemm ikun ħażen". Jekk martek kienet żgħira fejn kienet taf li ċerti affarijiet huma dnub, iżjed u iżjed meta kien missierha li talabhomlha? Trid tagħdirha ġara x'ġara. Ma tridx tkompli tagħmlilha ħafna mistoqsijiet. Ħalliha bi kwietha. Ftakar li diġà sofriet ħafna. Ma jistax ikun tkompli ssofri. Inti fid-dmir li lil martek iserraħha bi kliem ta' ħlewwa u mogħdrija. Inti żewġha u ftakar li ltqajt magħha bi pjan providenzjali. Alla jrid li inti tkun is-salvazzjoni tagħha. Afdaha f'idejk bl-istorja sabiħa u kerha ta' ħajjitha, biex inti tfejjaqha, jekk hu possibbli.

Jekk għandha bżonn għajnuna spiritwali, sibilha saċerdot kapaċi jfarraġ persuni li jinsabu f'każi bħal dawn. Jekk qiegħda fi ħtieġa ta' indħil professjonali, u l-familja tista' finanzjarjament, ħudha malajr għand min jifhem, ħalli tistrieh u tfiq minn ċerti ġerħat.

Lil missierha tgħidlu xejn. Forsi, sab ruħu f'tentazzjoni kiefra u għamel dak li suppost qatt ma kellu jagħmel. Ilkoll fraġli u meta nsibu ruħna f'ċerti tentazzjonijiet iżjed inkunu debboli milli nkunu hekk f'oħrajn. Anki hu għandu bżonn ta' l-għajnuna, speċjalment tat-talb tiegħek u ta' l-imħabba tiegħek. Min jista' jgħid kemm jinsab iddispjaċut talli kien għamel, iżjed u iżjed jekk il-lum kiber ġmielu! Hekk għandi nifhem.

Barra minn hekk, nagħtik parir biex taqra xi ħaġa fuq l-abbuż sesswali fuq it-tfal. Il-lum hawn ħafna x'wieħed jaqra dwar hekk. Ipprova aqra dwar x'inhu l-abbuż sesswali, kif tkun taf kif seħħ abbuż, min jabbuża bit-tfal, min hi l-persuna abbużata u xi jwassal biex xi ħadd jabbuża bit-tfal. It-tagħrif li tikseb b'dan il-qari żgur jgħinek biex tkun uman fir-relazzjonijiet tiegħek kemm mal-mara kif ukoll ma' missierha.

Nispera li taffejtlek xi ftit mill-għadab li ħakmek meta smajt bl-istorja ta' martek qabel ma żżewġitek, u issa bdejt tħares lejn il-każ b'lenti oħra. ❑

Kuba

L-ITWAL LEJL F'ĦAJTI

Riflessjoni wara l-esperjenza ta' l-uragan Mitchell li ħakem lil Kuba

minn P. Philip CUTAJAR OFMCap

Żgur li ħafna minnkom kellkom xi esperjenza ta' xi lejl partikulari f'ħajjitkom fejn rajtuh itwal minn kull lejl ieħor, qisu m'hu ser jisbaħ qatt, qisu l-itwal lejl ta' ħajtek.

U proprju din kienet l-esperjenza tiegħi fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Novembru 2001; il-lejl li fih ħabat l-uragan *mitchell* fuq Kuba fejn jiena qiegħed bħalissa bħala missjunarju. Dan l-uragan, għal Kuba, kien l-akbar u l-aqħar wieħed matul dawn l-aħħar 60 sena. Kien uragan tar-raba' kategorija; intensiv, qawwi, qerriedi, fejn ir-rih li jiġbor fih jiġri b'ritmu ta' 250 kilometru fis-siegħa; uragan li jġorr u jaqla' kull ma jsib quddiemu, ifawwar ix-xmajjar u jgħarraq l-għelieqi filwaqt li jeqred l-uċuħ tar-raba'.

Minħabba l-mezzi ta' komunikazzjoni l-poplu ta' Kuba kien jaf bl-uragan li kien riesaq lejn il-gżira sa minn tlett ijiem qabel. Fil-fatt għall-poplu tagħna dawn it-tlett ijiem kienu ġranet ta' tensjoni u ta' biża', imma mhux inqas ukoll tlett ijiem ta' talb u ta' preparazzjoni. Kulħadd jaħżen l-ikel għax ħadd ma kien jaf eżattament kemm ser idum u x'konsegwenzi kien ser iħalli speċjalment fuq l-agrikoltura. Kulħadd inaddaf il-bjut mill-imbarazz, jiżbor is-siġar u jnaddaf il-kanali minn fejn jgħaddi l-ilma. Kulħadd jirranġa fejn għandu xi tieqa jew bieb imkisser u jagħlaqhom sewwa b'imsiemer kbar ħalli r-rih qawwi ma jisfrundahomx.

Il-gvern ma naqasx li jagħmel il-parti tiegħu. Il-ħaddiema tad-difiża ċivili kontra l-katastrofi ħadmu għal tlett ijiem sħaħ bil-għan li l-ebda ħajja umana ma tkun fil-periklu tal-mewt u bil-għan li l-uragan, li dejjem kien qed jersaq lejn il-gżira ta' Kuba jagħmel ħsara mill-inqas. Huwa kkalkulat li mal-miljun persuna ġew evakwati mid-dar tagħħom sabiex jgħaddu l-lejl f'xi mkien aktar żgur. Fiż-żona fejn qiegħed jiena ġew evakwati mas-6,000 persuna, il-maġġoranza tagħhom jew għax huma morda jew anzjani li qed jgħixu weħidhom, nies li joqogħdu qrib ix-xmara jew nies li d-dar tagħhom hija ta' nofs kedda. Il-ħaddiema tal-gvern għamlu tindif ġenerali speċjalment tat-toroq u x-xmajjar, u żabru s-sigar kbar bil-għan li ma jiġux maħkuma mill-irjieħ qawwija u jaqgħu, u b'hekk iġarrfu d-djar li jaqgħu fuqhom.

It-televiżjon tal-gvern ukoll ta s-sehem pożittiv tiegħu. Il-poplu Kuban kien infurmat minuta b'minuta b'dak li kien qed jiġri. Saret insistenza qawwija sabiex sa mill-Ħadd wara l-4.00 ta' wara nofs in-nhar ħadd ma joħroġ minn daru, u kull transport jieqaf. Fil-fatt Kuba għal kważi 24 siegħa ġiet ipparalizzata: waqfu t-titjiriet bl-ajru, il-vjaġġi bil-baħar u t-trasport intern. L-iskejjel għalqu sa mill-Ġimgħa filgħaxija u t-tfal intbagħtu d-dar. Kull ma baqgħu jaħdmu kienu l-isptarijiet u l-ambulanzi għall-emerġenzi li setgħu jinqalgħu. In-nisa bi tqala avanzata ġew miġburin fl-isptarijiet. Aħna wkoll, nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru, fil-knejjes tagħna qaddisna quddiesa waħda fejn fiha sar talb speċjali għall-mument preżenti.

Il-lejl wasal ... u għalija kien l-itwal lejl ta' ħajti ... donnu ma ried jgħaddi u jispiċċa qatt. Flimkien maż-żewġ ħuti patrijiet li qiegħed magħhom, wara ċena ħafifa fis-6.30 ta' filgħaxija, tlabna t-talba ta' l-Għasar u qagħadna quddiem it-televiżjon sabiex insegwu dak li kien qed jiġri. Però ma domnix wisq quddiem it-televiżjon għaliex ftit wara l-kurrent tad-dawl mar ma' Kuba kollha. Id-dlam tal-lejl, quddiem l-uragan qerriedi li dejjem kien qed jersaq, kompla kattar il-biża', it-tensjoni u t-twerwir. Kienu diversi l-parruċċani li f'dawk il-ħinijiet bdew



iċemplulna taħt l-iskuża ħalli jaraw aħna kif aħna ... però naħseb li t-telefonata tagħhom f'dak il-mument kienet aktar sabiex ifittxu l-appoġġ u l-faraġ fina.

F'dik id-dalma sfieqa żammejna l-kumpanija ta' radju ċkejken jaħdem bil-*batteries*. It-telefon baqa' jiffunzjoni ... jiena min-naħa tiegħi ċempilt lil Dun Pawl Buttigieg sabiex nara kif inhu. Għamilna kuraġġ lil xulxin. Għal xi t-8.00 ta' bil-lejl irċevejna telefonata mill-Isqof tad-Djoċesi ta' Santa Klara bil-għan li jara kif aħna u jagħmlilna kuraġġ. Għal xi l-10.00 ta' bil-lejl iddeċidejna li nidħlu fil-kamra biex forsi nippruvaw nistrieħu ftit. Jiena għaddejt il-lejl b'xemgħa mixgħula quddiem Kruċifiss li għandi fil-kamra ... il-ħin kollu naħseb fin-nies tal-parroċċa fqira tiegħi, fil-morda u l-anzjani li qegħdin weħidhom, fin nies li għandhom id dar mibnija bil pjanċi. Xtaqt f'dak il-mument li mmur inżur lil kull persuna fqira, marida, anzjana, u li qiegħda weħidha. Ippruvajt norqod, imma kien kollu għal xejn. Mal-10.30 ta' bil-lejl bdejna nisimgħu l-ħoss ta' l-uragan riesaq. Bdejna nisimgħu l-ewwel ħjiel ta' rwiefen u xita li aktar ma jgħaddi l-ħin aktar bdew jiżdiedu. Bdejna nisimgħu affarijiet jaqgħu, ħsejjes strambi ta' oġġetti jiġru mar-riħ qalil. U mill-bogħod bdejna nisimgħu wkoll bini jiġġarraf u siġar jitqaċċtu. F'xi mumenti bdejna nisimgħu xi twerżiq tal-ġirien tagħna li ġralhom xi ħaġa. Xtaqna mmorru naraw u nagħtu l-għajnuna però lkoll kellna ordni stretta li ħadd ma jisla' joħroġ minn daru. U x-xita żżid bil-qliel u r-riħ iżid fit-tvenvin tiegħu. Ir-riħ beda jaħkem mal-bibien tat-tieqa tiegħi. Ġew mumenti fejn stħajjilt li hemm xi ors selvaġġ li qed jiggranfa dufrejgħ biex jipprova jidħol. U dan dam sejjer sigħat ... ħin twil li deher qisu eternità. U aħna qegħdin hemm, nagħmlu kuraġġ lil xulxin, nitolbu lil Alla biex ifittex jgħaddi.

Wara li għadda dan il-lejl, li għalija kien l-itwal lejl ta' ħajti, filgħodu kmieni n-nies bdiet toħroġ mid-djar, qishom bebbux, kulħadd ħerqan biex jara x'ġara u kulħadd jirrakkonta l-esperjenza tiegħu. Aħna wkoll, kmieni mas-sebħ dorna dawra mad-dar u mal-knisja sabiex naraw xi ġralna; u sibna li partijiet mis-saqaf tal-knisja *La Pastora* taru bir-riħ. Ħriġna barra u rajna żewġ siġriet kbar u ħoxnin, it-tnejn għandhom 'l fuq minn tmenin sena, imqaċċta mill-għeruq. Jiena, bil-ħatfa, ħadt ftit kafè li kellna maħżun fit-*thermos* u mort niġri biex nara x'ġara mill-knisja tal-Parroċċa ta' Santa Ana, fejn jiena kappillan. Għall-grazzja ta' Alla l-kappella, bis-saqaf tal-pjanċi, ma ġralha xejn, però s-saqaf taċ-ċentru tal-katekiżmu tar kollu mar-riħ. Mort inżur lil xi whud mill-parruċċani, speċjalment lil dawk li kont naf li qegħdin jgħixu f'bini fi stat batut. Kulħadd jirrakkonta l-esperjenza tiegħu. Kulħadd jistaqsini għall-knisja parrokkjali.

Tħoss qalbek tingħafas meta jiġu quddiemek il-missier jew l-omm ma' wliedhom, ilkoll imbikkma, fejn jgħidulek li l-familja ma baqgħalha xejn iżjed ħlief il-ħwejjeġ ta' fuqhom u f'idejhom ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra tad-dar li darba kellhom. Toroq magħluqa minħabba s-siġar li waqgħu, l-arbli tad-dawl u tat-telefon minxura ma' l-art. Hemm postijiet fejn l-ilma ħakem b'metru għoli. L-uċuħ tar-raba' sparixxew. Il-kafè li kien wasal biex jiġi miġbur intilef għal kollox. L-istess ġara mit-tabakk, mill-banana, mir-ross u miz-zokkor, li huma l-għejun ewliena ta' l-industrija u l-għejxien Kuban. Ġraw ħsarat kbar fil-*Power Stations* u fiċ-ċentri ta' komunikazzjoni. Fabbriki mġgħarrfa b'ħafna ħaddiema qiegħda. Il-ħsarat li ġraw ġew meqjusa bħala l-agħar matul dawn l-aħħar 60 sena. S'issa il-għadd tal-mejtin huwa ta' ħamsa ... tassew numru baxx meta wieħed iqis il gravità tal uragan fuq kategorija 4.

L-uragan ġie u mar, però l-konsegwenzi li ħalla warajh f'Kuba ser jibqgħu magħna ... u kemm ser idumu magħna ma nafux. Il-pajjiż jinsab f'fażi ta' rekuperazzjoni. Naf żgur li l-poplu, li diġà huwa batut, speċjalment mill-krizi ekonomika li ħakmitna wara l-inċidenti tat-traġedja tal-11 ta' Settembru u l-gwerra fl-Afganistan, ser ibati iżjed, ser ibati l-guħ, ser ibati n-nuqqas ta' dar fejn joqgħod, in-nuqqas ta' ħafna ħwejjeġ essenzjali li tilef, bħalma huma l-ilbies, is-siġar tal-frott, l-annimali li mietu minħabba l-għargħar u ħwejjeg oħra.

Il-flus li ġejt mogħti minnkom il-Maltin u l-Għawdxin matul ix-xahrejn vaganzi li għaddejt magħkom, bejn Awissu u Ottubru, issa żgur li ser insib fiex nużahom.

Nixtieq nagħlaq ir-rakkont ta' din l-esperjenza tiegħi billi rrodd ħajr lil dawk kollha li talbu għalina hekk kif saru jafu bl-uragan li kien ser jaħkem fuq Kuba. Grazzi lil dawk kollha li ċemplu jew bagħtu e-mail, fosthom il-Provinċjal tagħna P. Crispin Tabone. Komplu itolbu għalina ħalli l-konsegwenzi ma jkunux daqshekk iebsa għalina li qegħdin hawn u għall-poplu Kuban.

Nirringrazzjaw lil Alla li f'Malta ma jaħkmuniex dawn it-tipi ta' fenomini naturali katastrofiċi. Li kieku f'Malta hemm ftit aktar imħabba u għaqda bejnietna, hija tassew "ġenna ta' l-art" meta tqabbilha max-xorti ħażina li dawn il-pajjiżi jkollhom jgħaddu minnhom.


Il-Mulej jagħtikom is-sliem. ❑

Kull min jixtieq jikkomunika ma'
P. Philip Cutajar, jista' jiktiblu f'dan l-indirizz:
PARROQUIA "SANTA ANA"
Ap.do. 144 - SANTA CLARA
50100 - VILLA CLARA - CUBA
Tel: 00 53 42 20 65 54
Fax: 00 53 42 20 80 32
E-Mail: dei@cocc.co.cu
Bank Account: Capuchin Cuba Mission Fund
HSBC Acc. no.: 044 023968050

Abraham
il-ħabib ta' Alla

minn **Mons. Lawrenz SCIBERRAS**

Il-post ta' Abraham fil-Bibbja huwa wieħed uniku u li ma jista' jintlaħaq minn ebda personaġġ ieħor b'eċċezzjoni ta' Ġesù Kristu. Huwa qisu dak il-fanal li jdawwal l-istorja spiritwali tad-dinja. Magħżul minn Alla biex ikun il-missier ta' razza ġdida, Abraham jirċievi bosta rivelazzjonijiet minnu, tant li jiġi mfaħħar għall-fidi żonqrija li kellu: "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien se jagħtih b'wirt" (Lhud 11, 8). U għalhekk Abraham huwa dak l-eroj pekuljari ta' Iżrael li b'qawwa kbira huwa lilu biss u waħdu isejħulu "missierna".



Abraham, Missier ta' ħafna ġnus - Minjatura mill-Bibbja ta' Souvigny - Lac. 24-151.

Missier ta' kotra

Il-kelma Abraham, li hija komposta minn żewġ kelmiet flimkien *ab, raham* ifissru "missier ta' kotra kbira", kien it-tifel iż-żgħir ta' Terah. Fil-ġeneoloġija li Mattew jagħti biex juri minn hija ir-razza ta' Ġesù, jibda preċiżament b'Abraham.

Dan il-personaġġ huwa l-ewwel wieħed fil-Bibbja li mbidillu ismu, u min Abram jibda jissejjaħ Abraham. "U ma tissejjaħx aktar Abram, imma Abraham ikun ismek, għax missier ħafna ġnus nagħmel minnek" (Ġen 17, 5). Għalhekk l-isem Abram huwa miktub għal 58 darba filwaqt li Abraham insibuh għal 235. Sewwa li ngħidu li dan il-personaġġ huwa wieħed mill-aktar li ismu jinsab maħżuż fiż-żewġ taqsimiet tal-Bibbja. Il-għażla tiegħu biex ikun missier il-poplu magħżul ma hija ġejja minn għand ħadd, jekk mhux b'att kbir ta' grazzja ta' Alla.

Nisel bla għadd

Abram kien ġej mill-belt kbira u miżgħuda bin-nies ta' Ur tal-Kaldej, u għalhekk huwa pagan, għalkemm imbagħad sar l-ewwel Lhudi ċirkonċiż. Din il-bidla kellha tiġi imħattna b'sinjal tanġibbli f'ġisem Abraham stess, dak taċ-ċirkonċiżjoni. "U Abraham kellu disgħa u disgħin sena meta nħaten fil-laħam ta' ġismu" (Ġen 17, 24). Kien bniedem rozz, sempliċi u fl-istess ħin ta' żaqqu f'fommu, kien bedwin, jippossiedi bosta merħliet, aktarx semi nomadu. Qatt ma nebbaħ xi profezija, kiteb xi ktieb, għanna xi għanja, jew damm xi liġi. Madankollu, fil-lista twila ħafna tal-qaddisin Bibliċi, huwa biss jissejjaħ missier ta' bosta popli u l-ħabib ta' Alla.

Nota oħra li tgħolli 'l fuq u tipproklama lil Abraham fost il-kbarat nett hija dik ta' MONOTEIŻMU, jiġifieri li huwa kellu fidi f'Alla wieħed biss. Jingħad li huwa kien l-ewwel wieħed li ħaseb u sawwar din il-verità ta' Alla wieħed, hekk Abraham kien il-pedament tal-poplu Lhudi u tar-reliġjonijiet monoteistiċi l-oħra kollha li fil-ġejjieni qarib jew imbiegħed kellhom jitwieldu. Abraham għex bejn wieħed u ieħor, madwar is-sena 1850 qabel Kristu, u bih tibda l-istorja tas-salvazzjoni. Abraham kien miżżewweġ lil Sarah. Meta din mietet huwa xtara għalqa li kien fiha għar biex jidfen lil martu hemm (Ġen 23). Din nistgħu nqisuha bħala l-ewwel propjetà fl-Art Imwiegħda. Meta mbagħad Abraham miet, ġie midfun hawnhekk ukoll (Ġen 25, 9). Illum, min iżur il-moskea f'Ħebron fost l-oqbra li hemm miqjuma b'għożża kbira, hemm isib dak tal-patrijarka Abraham. Il-Musulmani isejħu lil Hebron el-Khalil, jiġifieri il-ħabib ta' Alla, u dan b'tifkira ta' Abraham.

L-aqwa prova

Qabel ma Abraham kellu sebgħin sena ma jingħad xejn dwaru, u din hija prova oħra ta' kemm dan il-bniedem intelaq b'mod l-aktar sħiħ f'Alla. Għalhekk Alla għaddieh minn provi tqal ta' paċenzja kbira. Wasal il-mument meta Alla wiegħed u ta tliet wiegħdi lil Abraham: art għammiela, ġens kbir, u barka speċjali (Ġen 12). Għalhekk Alla għaddieh minn provi tqal ta' paċenzja kbira. Imma Abraham stenna bil-paċenzja u b'fidi żonqrija li Alla jista' jagħmel kollox miegħu. Għalhekk Abraham jissejjaħ il-missier ta' dawk li jemmnu. "U hu emmen fil-Mulej, u dan għaddhulu b'ġustizzja" (Ġen 15, 6).

Abraham, bħal kull bniedem ieħor, kien suġġett għal ċerti żbalji; kien ta' karattru xi ftit beżżiegħi. Il-mod kif f'żewġ okkażjonijiet huwa bagħat lil martu Ħagar iweġġa' mhux ftit. F'żewġ okkażjonijiet oħra Abraham ma qalx il-verità dwar min kienet tassew Sarah, u dan jikxef kemm kellu karattru dgħajjef, almenu quddiem ċerti sitwazzjonijiet (Ġen 12, 19). "U Abraham kien jgħid dwar Sara, martu: 'Din oħti'" (Ġen 20, 2).

Waqt ieħor tqil u ta' eżami għal Abraham kien l-offerta ta' numru ta' debħiet lil Alla. Fl-ewwel wieħed Alla ried jagħmel patt ma' Abraham, għalhekk amarlu biex jidbaħ numru ta' annimali; fosthom kien hemm għoġla, mogħża, muntun, gamiema u ħamiema (Ġen 15,9). Aktarx li din hija l-aktar forma qadima ta' patt li nsibu fit-Testment il-Qadim.

Wara dan imbagħad kien imiss l-ogħla wieħed, dak li Abraham joffri lil Alla l-uniku iben li kellu, kien il-wiegħda, Iżakk. U preċiżament hawn kienet il-prova l-aktar qawwija tal-fidi tiegħu. Imma Alla mhux lil Iżakk ried, imma it-telqa totali tiegħu fih. Għalhekk meta Abraham għolla is-sikkina biex itemm ħajjet ibnu, Alla ħasiblu għal xi ħaġa oħra, sostitut, il-muntun.

Din il-ġrajja tiġbor fiha żewġ tagħlimiet: L-ewwelnett Alla ried ifiehem lil Abraham li lilu għandna nħobbuh fuq kollox. Alla huwa l-ħallieq tagħna. It-tieni, peress li f'dawk iż-żminijiet kien hemm bnedmin li kienu joffru bnedmin oħra bħala vittmi lill-allat li kienu jemmnu bihom, Alla ried juri lil Abraham li Hu ħaġa bħal din ma ridhiex.

Hawn tajjeb li nżidu nfakkru fit-tipoloġija li teżisti: Iżakk twieled b'mod mirakuluż fix-xjuħija ta' ommu u missieru, u kien il-primoġenitu tat-Testment il-Qadim.

Hu l-figura ta' Kristu, il-primoġenitu tat-Testment il-Ġdid. Iżakk ġie meħlus milli jmut bħala vittma, "imma Alla ma ħelishiex lil Ibnu" li miet għalina b'sagrifiċċju fuq il-kalvarju.

Hekk qallu Ġesù lil Nikodemu: "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3, 16).



Abraham joffri lill-Ibnu Iżakk - Paolo Veronese (1528-1588)
El Prado - Madrid.

Abraham jgħallimna ħafna u speċjalment fejn tidħol il-fidi: hekk il-fidi meta tiġi ippruvata togħġob ħafna lil Alla. Il-ħajja tiegħu għaddiet minn provi tan-nar, imma kien għalhekk li Alla jsejjaħ lil Abraham il-ħabib tiegħu. (Lhud 11, 8-16).

Faqar li jmantni l-Ħajja Fraterna

minn P. Frans ABELA GIUSTI OFMCap.

IT-TIENI PARTI

Faqar Assolut

U waqt li n-numru ta' aħwa kompla dejjem jiżdied, forsi wkoll b'xi wħud minnhom li ma fehemx għal kollox l-ideal tal-ħajja tiegħu u għalhekk ma komplewx lwettquh perfettament, Franġisku, flok ma tħawwad jew tnikket iżżejjed, sab faraġ fit-tnebbiħ mis-sema li kien ilissinilu: "M'intix int imma jien il-vera raġħaj tal-merħla li afdajtlek f'idejk" (II Celano). U bi spirtu ta' faqar assolut, li bih ma kienx iqis l-Ordni bħala xi ħaġa privata tiegħu, stqarr: "'Il bogħod minni li jkolli wlied li jitwerwru minni, għax il-Mulej tani l-grazzja li nadatta ruħi ma' kulħadd daqslikieku kont l-iċken patri ta' l-Ordni Franġiskan" *(Leggenda Perugina)*. Ħieles minn kull għamla ta' proselitiżmu li jbeżża' u mill-iggranfar mas-setgħa jew ħakma fuq l-Ordni minnu mwaqqaf, hu kien jirraġuna hekk: "Jekk xi darba kellu jkolli nieħu sehem f'xi Kapitlu biex, bħala superjur, inwissi u nħeġġeg, u flok mismugħ niġi mkeċċi 'l barra bl-herra għax meqjus inkapaċi u illitterat u ma nibqax kalm, seren u ferħan fir-ruħ ..., allura ma jien patri minuri xejn" *(II Celano)*.

Ċaħda għas-Superjorat

Meta saħħet Franġisku bdiet tmajna, ħass li kellu jċedi t-tmexxija ta' l-Ordni f'idejn il-Mulej u f'idejn il-ministri. U dan mhux għax ħarab jew dabbar rasu daqskemm għax ma felaħx iżjed iġorr il-piż tar-responsabbiltà. Però, xorta waħda baqa' jsegwi lil ħutu mill-qrib u jmexxihom minn bejn il-kwinti bl-eżempji ta' qdusija li kien jagħtihom, u b'umiltà kbira kien joqgħod għas-superjuri tiegħu anke jekk ta' kwalità medjokri u inkoerenti. Jista' xi ħadd jasal biex jiċċaħħad u jitneżża' minnu nnifsu f'dan il-grad? Irid ikun Ħrangisku ieħor li kien il-faqar evanġeliku ippersonifikat.

Prattiċità

Komm għad baqgħalna x'nitgħallmu minn Missierna San Franġisk. Meta niġu biex naċċettaw kandidati ġodda għas-sħubija fl-O.F.S, ma rridux inqisu tant il-kwalitajiet akkademiċi jew ċertifikati ta' skejjel sekondarji, jew x'ser niggwadanjaw mill-għerf intellettwali tagħhom, daqskemm jekk għandhomx ix-xewqa u l-għatx li jħaddnu l ispiritwalità franġiskana mibnija fuq l-għejxien ta' l-Evanġelju.

U ma' dal-faqar muri f'min hu inkarigat jilqa' membri ġodda fil-membri infushom irid ikun hemm dak il-faqar personali, cioè dik iċ-ċaħda għall-opinjonijiet, ideat u viżjonijiet personali għal dawk ta' ħaddieħor, l-aktar waqt il-laqgħat tal-fraternità u partikularment dawk tal-Kunsill.

Aktar ma nitneżżgħu minna infusna, aktar ma nagħtu ċans lil ħaddieħor jikber, jitgħolla u jiġi mfaħħar blex niċkienu aħna, aktar insiru nixbhu lil San Franġisk u nitqarrbu lejh. Attitudni kollha kemm hi biblika.

Ġwanni l-Battista, għal Kristu, qal: "Jeħtieġ li jikber hu u niċkien jiena" (Ġw 3, 30). Fejn hemm doża qawwija ta' umiltà u ta' faqar evanġeliku ta' din ix-xorta hemm għandek issib fraternità b'saħħitha. ❑



San Franġisk u l-ewwel Aħwa flimkien ma' Santa Klara fil-Porziuncola

FLIMKIEN NASLU

minn **Keith SPITERI Ġi.Fra.**

Kont tidħol mill-bieb u taqbad tibki. Baħħ! Xejn ħlief riħa ta' kwiet. Qisek dħalt ġo kamra mortwarja ... bid-differenza li lanqas mejtin ma klen hemm. Xejn! Hajja trankwilla żżejjed. L-atmosfera ma kinitx xi waħda pjaċevoli. Kont b'qalbi maqtugħa. Laqgħa bejn ħames membri kollox. Għarukaża! Donnu ħadd ma ried ikompli jagħli kas. Qall ma kien hekk. Kien donnu falla kollox. Ma nafx xi sfurzani nibqa' nattendi. Kont inħoss li qegħdin f'xifer l-irdum. Forsi l-ftit tama li kien għad fadalli ġegħlitni nibqa' nipprova. Bħali kien għad fadal biss xi whud tgħoddhom fuq ponot subgħajk. Ridna nagħmlu xi ħaġa. Ridna nqumu mir-raqda ... u malajr! Kwistjoni ta' *Responsabbiltà.*

Xi ħaġa baqa' jnemnem ġo qalbna. *Fiduċja.* Konna determinati. Iva, *determinazzjoni.* Daqshekk qtigħ ta' qalb. Iddeċidejna. *Refurbishment!* L-affarijiet bdew issa jittieħdu b'aktar *serjetà* u *dedikazzjoni.* Iltqajna u ddiskutejna. *Ftehim.* Sar tibdil fil-programm. Tajna dehra ġdida lill-fiżiku taċ-Ċentru. Manutenżjoni. *Kuraġġ* ... f'qalb kulħadd. Bdejna niżdiedu. Wieħed iġib lill-ieħor. *Sodisfazzjon.*

Għaddew kważi sentejn u llum iċ-Ċentru rega' sar mimli *ħajja.* Żidna fil-ħbieb. Aktar kumdità. Aktar profondità. Aktar *ħbiberiji.* Grupp ta' madwar ħamsa u għoxrin u iktar. Grupp li jifraħ meta xi wieħed mill-membri jesperjenza xi ħaġa sabiħa. Grupp li jibki meta xi ħadd iweġġa'. Grupp ħaj ... grupp tad-demm u l-laħam ... bil-qawwiet u n-nuqqasijiet kollha tiegħu. Grupp li, diment kollox igħinek, tikber u timmatura.

U hekk hu ... bidla drammatika u kontinwa. Bis-*sagrifiċċju* tagħna qed naqtgħu l-frott. Id-dudu tal-ħarir isir farfett. Bil-gwienaħ miftuħin beraħ qed nippruvaw intiru. Żmien sabiħ fl-istorja taċ-Ċentru. Ħin investit. Affarijiet bis-serjetà. Aktar dedikazzjoni. Aktar *imħabba.* Fl-istess ħin, tfittxija. Il-mappa tinsab f'idejn kull wieħed u waħda minna. Id-direzzjoni nafuha. Kulma jonqos huwa r-rleda u l-volontà blex naslu f'dan l-Imklen. Trasport: San Franġisk t'Assisi. Destinazzjoni: Alla.

Bdejt nattendi ċ-Ċentru fil-bidu tal-1995 u kont immur sempliċiment biex ngħaddi ż-żmien. Però aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar bdejt nieħdu bis-serjetà, tant li lejn l-aħħar tal-1996 irfist l-għatba tal-kunsill. Issa ilni fil-kunsill dawn l-aħħar ħames snin.

L-ewwel bħala viċi-president, fejn domt sena (1996-1997),



imbagħad bħala president għal tliet snin (1997-2000) fejn, flimkien ma' sħabi tal-kunsill u l-membri, irnexxielna naqbdu ritmu tajjeb kostanti. Però lejn l-aħħar tal-perjodu ta' presidenza, illqajna ma' mewġa qawwija fejn iċ-ċentru qabad deklinazzjoni mgħaġġla. Konna waqajna ħames membri kollox f'temp qasir ħafna. Irraġuni ta' dan għadha sal-lum għalina mistura. Kien donnu se jmut. Ma ridniehx jagħlaq. Ftehmna biex nibqgħu nippruvaw għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġburin f'Ismu, Hu jkun f'nofshom. Il-volontà tagħna reġgħet tat ħajja ġdida liċ-Ċentru, fejn bil-mod il-mod il-familja bdiet torġa' tiżdied. Iż-żmien tal-kunsill skada u jien erġajt ilħaqt viċi-president fejn għamilt sena oħra (2000-2001). Il-familja baqgħet tiżdied. Fil-preżent, sħabi reġgħu ħatruni president għat-tieni darba (2001-2002), u nħossni ferm sodisfatt li rnexxieli nkun daqshekk ta' bastun għall-bqija tal-membri tul dan iż-żmien. Rajt bidla drastika ... bejn ċentru li qed imut u ċentru li qed jirxoxta. L-affarijiet marru għall-aħjar. Dan is-sodisfazzjon qawwi kien għalija enerġija biex inkompli naħdem fi ħdan iċ-Ċentru ma' sħabi l-oħra.

U hekk hu. Nhar il-Ħamis, 8 ta' Novembru, inħatar kunsill ġdid li huwa magħmul minn ħames membri u Br Vincent Axiaq OFMCap bħala assistent spiritwali (ritratt). Il-membri li ġew eletti huma (mix-xellug) Sonia Cassar – Segretarja, Ruth Delia – Viċi-President, Keith Spiteri – President, Shirley Vella – Viċi-Segretarja/P.R.O. u Rachel Gatt – Kaxxiera. Konvint li flimkien se nkomplu naħdmu għall-ġid taċ-Ċentru u l-membri fi ħdanu.



Ir-ringrazzjamenti ma jonqsux. Grazzi lil Anthony Fitzpatrick, il-president ta' qabli li fdali r-riedni f'idejja. Grazzi lill-bqija tal-kunsill ta' qabel li ħadmu sabiex iċ-Ċentru jkompli għaddej bir-ritmu li kien qabad. Grazzi lill-membri kollha għax mingħajrhom liċ-Ċentru mhu xejn. Grazzi lil Br Vincent Axiaq OFMCap tal-kuraġġ kontinwu li jagħtina. Grazzi lill-ġenituri tagħna ta' kull sapport. Grazzi lill-Provinċjal Fr. Crispin Tabone OFMCap u l-Provinċja Franġiskana Kapuċċina talli jipprovdulna post fejn niltaqgħu, speċjalment issa li qed isiru arranġamenti u manutenzjoni fil-bini. Grazzi lil Joe Pace OFS, president nazzjonali OFS tal-appoġġ tiegħu. Grazzi lil kull min ta sehmu b'xi mod u ma stenna l-ebda ħlas. Grazzi lil kull min għen u għadu jgħin biex iċ-Ċentru jibqa' jieħu n-nifs. Grazzi wkoll lil dawk iż-żgħażagħ kollha li spiċċaw jaqraw dan il-ħsieb u forsi 'l quddiem għad ikunu membri huma wkoll. Grazzi mill-qalb tmur fuq kollox u qabel kulħadd lil Alla l-Missier għax konvint li mingħajru aħna biss trab ta' l-art. Grazzi ta' kull għajnuna.

Għożież ħuti, bil-għajnuna sinċiera tagħkom, kapaċi naslu x'imkien. Ma nistgħux nimxu 'l quddiem jekk ma niftehmux bejnietna. Ma nistgħux ngħidu li nilqgħu lil kulħadd fil-grupp tagħna jekk bejnietna stess m'aħniex tolleranti. Ma nistgħux naffordjaw li naħlu sitt sigħat fil-ġimgħa jew aktar, meta lkoll kemm aħna nafu kemm hi prezzjuża kull sekonda. Għeżież ħuti, waħdi ma nasalx, però flimkien żgur li jirnexxielna. U dan hu l-awguri tiegħi ... Jalla din is-sena tkun esperjenza oħra għalik u għalija fejn ilkoll kemm aħna nkomplu nikbru f'kull aspett bħala aħwa fi spirtu żagħżugħ franġiskan. Għeżież ħuti, għandna triq twila x'nimxu. Tuni jdejkom. It-tfittxija tkompli! ❑



Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Nifraħlek għall-aħħar numru ta' **Dawl Franġiskan**. Tassew li min numru għal ieħor insibu jiżdied f'kull aspett, minkejja li kull darba li nispiċċa li nkun qrajt kull kopja, ngħid: "Ma tistax tkun aħjar!".

G. V. Bilocca - Pembroke

• Qed nibgħatlek il-ħlas għall-abbonament tad-**Dawl Franġiskan** u għall-kartolini tal-Milied. Nieħu l-opportunità biex ngħid lilek u lill-bord kollu prosit għar-rivista **Dawl Franġiskan** - rivista mimlija b'artikli interessanti u sewja. Tgħin ħafna biex bniedem jifhem aħjar il-Bibbja. Komplu sejrin hekk. Inselli għalik u nixtieqlek barka u ġid. Grazzi ħafna.

S. Hallett - Mosta

• Hawn qed nibgħatlek il-ħlas għall-abbonament tad-**Dawl Franġiskan** u l-kumplament għall-missjoni. Din is-sena hi l-ewwel darba li qed nirċievi din ir-rivista u veru qed nieħu pjaċir naqraha għax fiha ħafna tagħlim sabiħ. Inselli għalik.


C. Abela - Rabat

• Prosit tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Interessanti ħafna u fiha ħafna tagħlim. Jiena, wara li naqraha, ngħaddiha lil ħaddieħor. Itlob għalija u berikni.

M. Buhagiar

• Mal-ħlas ta' l-abbonament għar-rivista **Dawl Franġiskan** qed nibgħatlek donazzjoni għall-missjoni. Nieħu l-opportunità biex ngħidlek kemm napprezza ir-rivista franġiskana tagħkom u l-artikli interessanti li jkun fiha. Għoddna dejjem tiegħek.

J. & J. Apap - Msida



P. Publius Mair lejn il-missjoni għat-tieni darba

Wara tliet snin hawn Malta, bħala l-Gwardjan tal-Kunvent tal-Floriana, P. Publius Mair OFMCap. se jmur lura lejn il-Viċi Provinċja tal-Kenja, fl-Afrika, nhar it-Tnejn, 31 ta' Diċembru 2001. B'hekk se jtemm is-sena 2001 f'Malta u jibda s-sena l-ġdida fil-Kenja fejn għadda dlsa' snin jaħdem fil-formazzjoni tas-seminaristi tagħna u jgħallem it-teoloġija fit-*Tangaza College* u fl-*Institute of Philosophy* tal-*Consolata Fathers*. Miegħu se jmiltoma wkoll lejn il-Kenja P. Emanuel Barbara OFMCap. wara perjodu qasir li qatta' f'Malta. P. Emanuel jagħmel parti mill-fraternità ta' Westlands, f'Nairobi, fejn, barra ħidma pastorali, igħallem ukoll fil-*Catholic University of Eastern Africa*.

Nawguraw lil dawn iż-żewġ ħutna fil-ħidma missjunarja tagħhom b'risq il-poplu ta' Alla fil-Kenja, u nitolbu għalihom.

P. Raymond Bonnici lura mill-U.S.A.

Nhar it-Tlieta, 4 ta' Diċembru, P. Raymond Bonnici OFMCap ġie lura mill-Amerika fejn temm b'suċċess l-ewwel *unit* mill-programm ta' *Clinical Pastoral Education* (CPE) fil-*McFarland Institute*. Dan il-kors kien indirizzat b'mod partikulari għal dawk li jservu bħala kappillani tal-pulizija. Matul dan it-taħriġ, li beda fl-20 ta' Awissu, P. Raymond serva bħala kappillan mad-Dipartiment tal-Pulizija ta' New Orleans. Minbarra sigħat ta' formazzjoni, li ħa f'dan l-*Institute*, huwa kien assenjat ukoll biex joħroġ *patrol* ma' l-uffiċjali tal-pulizija, kif ukoll li jieħu ħsieb pastoralment lill-familji tagħhom u membri ta' komunitajiet oħra fi bżonn tat-tmexxija tiegħu.

P. Raymond Bonnici issa se jkompli bil-ħidma tiegħu hawn Malta, kemm fil-parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes, San Ġwann, kif ukoll bħala kappillan fil-Korp tal-Pulizija u *lecturer* fl-Akkademja tal-Ġustizzja Kriminali u fl-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi fl-Università ta' Malta.

Nawguraw lil P. Raymond Bonnici kull għajnuna u barka mill-Mulej fil-ħidma pastorali tiegħu.



Xellug:
P. Raymond Bonnici waqt il-ħidma tiegħu fl-USA.



Br Joe Vella jgħin f'Suret il-Bniedem

Wara 13-il sena ta' ħidma fid-Djoċesi ta' Garissa fil-Kenja, Br Joe Vella OFMCap issa qed jgħin lill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem, li tipprovdi kenn u għajnuna soċjali lil nies bla dar f'Malta. Br Joe se jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tar-residenti tad-Dar Suret il-Bniedem fejn bħalissa qed igħixu 24 ġuvni u raġel ta' età bejn is-17 u t-73 sena.

Ir-rabta tal-Fondazzjoni mal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini tmur lura sa l-1993 meta P. Leopoldu Tabone kien fetaħ dar fil-Fgura, il-*Welcome Home*, li kienet immirata l-iżjed lejn persuni li qattgħu xi żmien fil-ħabs. Tliet snin ilu, il-Patrijiet Kapuċċini waqqfu fondazzjoni bl-għajnuna tal-gvern u li llum hija mmexxija mis-Sur Joe Gerada li huwa wkoll il-Kap Eżekuttiv ta' Appoġġ. Dar Suret il-Bniedem hija ex-kunvent fil-Gżira tas-Sorijiet Agostinjani li ġentilment offrewh bħala residenza għal dan il-għan.

ĠIMGĦA TA' KARITÀ
20-27 TA' JANNAR 2002

Qatt ħassejt il-għatx ta' dak li hu infinit? Qatt ħassejt ġo qalbek ix-xewqa li tgħannaq dak li hu bla tarf? Jew forsi qatt ħassejt fil-qiegħ ta' qalbek li m'intix sodisfatt b'dak li tagħmel jew b'dak li int? Jekk hu hekk, tkun ferħan jekk issib kif timla qalbek b'dak kollu li tħoss nieqes fik u li tixtieq; xi ħaġa li timla l-jiem tiegħek u ma tħallihomx qishom bla sens u bla skop.

Hemm kelma fl-Evanġelju li ġġiegħlek taħseb, u wara li tifhimha, imqar għal ftit, timlik bil-ferħ. F'din il-kelma hemm dak kollu li rridu nagħmlu fil-ħajja. Tiġbor fiha kull liġi ta' Alla, li huwa stess qiegħed fil-qalb ta' kull bniedem. Tgħid hekk: "Mela dak kollu li tridu li l-bniedem jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom, għax din hi l-Liġi u l-Profeti" (Mt 7, 12). Din il-kelma hija msejħa 'liġi tad-deheb'. Qalha Ġesù imma kienet diġà fit-Testment il-Qadim. Kienu jafu biha nies kemm fil-lvant kif ukoll fl-Orjent. U diversi oħrajn. Dan juri kemm hija għal qalb Alla l-imbierek: huwa jixtieq li l-bnedmin kollha jagħżluha bħala l-liġi tal-ħajja tagħhom. Sabiħa meta taqraha, u tinstema' sabiħa bħala *slogan*! Aqraha għal darb'oħra: "mela dak kollu li tridu li l-bniedem jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom".

Kull bnedmin li niltaqgħu miegħu matul il-jum għandna nħobbuh b'dan il-mod. Nimmaġinaw li qegħdin fil-qagħda tiegħu, u nġibu ruħna miegħu bħalma nixtiequ li jġib ruħu magħna jekk inkunu minfloku. Il-leħen ta' Alla li hemm ġo fina jgħidilna l-mod kif għandna nħobbu f'kull ċirkustanza. Ħuk bil-ġuħ? Mela jien bil-ġuħ ukoll - naħsbu fuqha. U ntuh jiekol. Qiegħed ibati minn xi inġustizzja? Huwa jien li rrid inħoss ukoll dik l-inġustizzja. Qiegħed fit-taħwid u fid-dubju? Hemm ukoll jien miegħu. U ngħidulu kliem ta' faraġ u naqsmu miegħu t-tbatija tiegħu u ma niqfux qabel ma jieħu r-ruħ u jara kif għandu jimxi. Aħna nixtiequ li l-oħrajn iġibu ruħhom magħna b'dan il-mod. Huwa wieħed li għandu ħtiġijiet speċjali?

Irrid inħobbu b'tali mod li kważi nħoss ġo fija d-diżabbiltà tiegħu, u l-imħabba tiegħi tissuġġerixxi dak li hu l-aħjar u f'waqtu li nagħmel biex hu jħoss ruħu bħall-oħrajn, anzi li jħoss li għandu grazzja aktar għaliex aħna l-insaraa nafu kemm hi prezzjuża t-tbatija.

U hekk nagħmlu ma' kulħadd, mingħajr differenza bejn min hu simpatiku u min hu antipatiku, bejn min hu żagħżugħ u min hu xiħ, bejn min hu ħabib u min hu għadu, bejn min hu tal-pajjiż tagħna u min hu barrani, bejn min hu sabiħ u min hu ikrah ... l-Evanġelju jgħid li għandna nħobbu lil kulħadd.

Bħalissa nistħajjel li hawn min qiegħed jistagħġeb. Forsi dal-kliem jidher sempliċi żżejjed; imma x'bidla jrid ikun hemm ġo fina. Kemm hu differenti mill-mod tas-soltu ta' kif naħsbu u ngħixu. Imma kuraġġ. Nippruvaw. Jekk ngħaddu mqar ġurnata hekk, din tiswa daqs ħajja sħiħa. Filgħaxija ma nagħrfux aktar lilna nfusna. Inħossu fina ferħ kbir li qatt ma ħassejna qabel. Forza kbira timliena. Alla jkun magħna, għaliex huwa qiegħed ma' dawk li jħobbu. Il-jiem tagħna li jiġu wara jkunu mimlija.

Forsi xi drabi nnaqqsu mill-impenn tagħna, jiġu mumenti li naqtgħu qalbna, li nieqfu, li ngħejjew. Forsi nixtiequ li ngħixu kif konna qabel. Le! Kuraġġ! Alla jagħtina l-grazzja tiegħu. Dejjem ibdew mill-ġdid.

Jekk inżommu sħiħ, naraw bil-mod il-mod id-dinja madwarna tinbidel. Imbagħad nifhmu li l-Evanġelju jġib miegħu ħajja aktar sabiħa, iġib id-dawl fid-dinja, jagħti sens lill-eżistenza tagħna, għandu fih is-soluzzjoni tal-problemi kollha. U ma noqogħdux bi kwietna qabel ma ngħidu l-esperjenza sabiħa ta' dak li għaddejjin minnu lill-oħrajn: lill-ħbieb li jistgħu jifhmuna, lill-qraba, lil dawk kollha li nħossu li nistgħu niftħu qalbna magħhom. Titwieled mill-ġdid it-tama.

"Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom ". ❑



Novella

L-Isbaħ poeta

minn Jeanette Falzon

Meta kont narah l-iskola għaddej minn xi kurutur bejn lezzjoni u oħra demmi kont inħossu jinġazza tant kemm kont nistmah ta' ġuvni kiesaħ u li jippretendiha. L-iskola kollha kienet tafu bħala "l-poeta" għallex klen lsaħħar ħafna tfajllet għal warajh b'ħafna kliem imżewwaq u ħelu u b'hekk il-fama tiegħu kienet iġġegħelni nistkerrhu iktar.

Tassew kien ġuvni ħelu, mibni, twil u b'għajnejh ċari, u fl-iskola ħadd ma' kien jgħaddih. Arah jiddeffes f'kull attività ta' sports u f'kull reċta teatrali li kienu jivvintaw l-istudenti, u erħilu jivvinta u jorganizza barbikjus enormi jew ħarġiet fil-kampanja.

Anki l-ħarsa tiegħu lejn xi tfajla kienet iddejjaqni u meta kont narah ikellem lil xi tfajla ġdida u mhux minn tas-soltu klikka ta' tfajliet ħbieb tiegħu, kont nitħassarha għax donni kont naraha tinħall quddiemu. Kien jilbes tal-moda, kellu karozza mill-moderni u x'ħin kien jidħol hu fil-klassi, kont nistħajjel lil kulħadd ibaxxi rasu għaliex kien daħal l-eċċellenza tiegħu l-poeta

Darba pprova jkellimni iżda jien dlonk dawwart wiċċi n-naħa l-oħra biex ma jmurx jaħseb li kont ili nistenna li jindenja ruħu jitfa' għajnejh fuqi wara erba' snin sħaħ li kont narah ma' wiċċi.

Meta kont nisma' xi storja ġdida fuqu, jien kont noqgħod nisma' ħerqana u jekk ma kontx inżid xi parti jiena wkoll jew nikkonferma li kont nisma' fuqu, anki xi ereżija.

Meta spiċċajt mill-università dak il-wiċċ ta' ġuvni li jista' kollox ma bqajtx narah. Lil sħabi l-oħra tal-kors bqajt niltaqa' magħhom xi drabi, iżda lilu le.

Kont spiss nimmaġina kif kien sar, b'xi karozza lussuża, b'xogħol fejn kien jaqlagħha tajjeb, b'xi tfajla tqila minnu u b'xi segretarja ħelwa u dejjem lesta li tgħinu f'kollox.

Darba fost l-oħrajn mort saċ-ċimiterju tar-raħal tiegħi biex nitfa' xi fjuri fuq il-qabar ta' nannti, meta rajt lilu quddiem qabar jibki għarkubbtejh. Lanqas stajt nemmen li ġuvi kiesaħ u jippretendiha bħalu, kien jaf jibki wkoll, u quddiem qabar fuq kollox.

Wara dak in-nhar domt ma erġajt rajtu sakemm darba minnhom kont il-Barrakka ta' fuq, waqt il-ħin tal-brejk tax-xogħol, u rajt ċorma ta' tfal diżabilitati jħarsu attenti lejn il-Port il-Kbir. Magħhom kien hemm ġuvni gustuż li klen qed jlspjegalhom fuq ll-belt. Għall-kurżltà, ersaqt iktar lejhom biex nisma' x'kien qed jgħidilhom daqshekk interessanti, u meta ħarist lejn il-ġuvni għaraft li kien dak il-ġuvni li tant kelli preġudizzji kontrih.

Kien qisu anġlu fost anġli iżgħar, u f'dirajh kellu tifla żgħira handikappata li smajtu jgħidilha: "Min jaf kemm Torok xtaqu jisirqu tfajliet Maltin sbieħ bħalek u bħat-tfajliet l-oħra li hawn magħna!"

Kif spiċċa l-istorja li kien qed jirrakkuntalhom, bdew lċapċpu sakemm ġew ommljlethom għallhom. Wieħed mit-tfal staqsa lill-ġuvni: " Inti ommok ġejja għalik?"

"Le Mario, ommi ilha fis-sema ħdejn il-Bambin! M'hemmx għalfejn tiġi għalija għaliex jien u hi dejjem flimkien. Issa mur Mario, tħallix lil ommok tistenniek. Niltaqgħu għada l-iskola." wieġeb il-ġuvni u, hekk kif telqu t-tfal kollha, induna li qed inħares lejh.




"Mela dan l-aħħar qed tindenja ruħek tħares lejja?" qalli bla mistħija ta' xejn, iżda bil-ħlewwa. Mingħajr ma ridt, ersaqt lejh, tlabtu skuża talli għal snin sħaħ kont nistmah ħażin allavolja ma kontx nafu sew. It-tweġiba tiegħu kienet li hu kien iħossu tassew poeta, kif kien jgħidlu kulħadd, iżda mhux għaliex kellu ħafna tfajliet jiġru warajh iżda għaliex, fil-poeżija li kien jikteb, kien isib wens kbir u b'hekk kien ikollu t-tbissima dejjem fuq wiċċu għalkemm kien jibki wkoll.

Illum il-ġurnata, dak il-ġuvni sabiħ, sar ir-raġel sabiħ tiegħi li lili wkoll sebbaħni minn ġewwa u bdejt inħossni iktar sabiħa meta bdejna mmorru flimkien ngħinu lil min hu inqas ixxurtjat minna.

Dak il-poeta, li kulħadd kien jinħall warajh u li jien kont niġġudikah bl-ikrah, issa sar l-isbaħ poeta f'qalbi, il-poeta tiegħi. ❑

TISLIBA 20

minn P.Wistin ATTARD ofm cap



1. *Għamilt* triq fil-baħar. (Għerf 14, 3) (5)
2. Aktar minn rajna. (1 Ġw 1, 3) (6)
3. Nagħmel ħsara lil dan. (Rt 4, 6) (5)
4. Kull xorta minnu. (Ġuda 15) (5)
5. u 19. Hekk hu għax salvana (Tit 1, 3-4) (8)
6. Din li tisma'. (Prov 20, 12) (5)
7. Sansun kien ħatnu. (Mħ 15, 6) (5)
8. Din tgħodd għal Betwel u Laban. (Ġen 25, 20) (5)
9. Daqs kemm hu .... (Ġdt 11, 7) (3)
10. Kif jagħmel ir-riħ. (Ġob 8, 2) (7)
11. u 12. X'għamlu bil-ħaġar. (Lam 3, 53) (6)
13. Bejn Kristu u dan. (2 Kor 6, 15) (6)
14. Il-belt li int.... (2 Kron 6, 38) (5)
15. Jitilgħu hawn u jilwu lejn Karka. (Ġoż 15, 3) (5)
16. Hekk għamilt għall-għajnuna. (Ġona 2, 3) (5)
17. Ordnaw b'digriet u iżjed. (2 Mak 10, 8) (5)
18. Għall-imħabba dan isib. (Għan 8, 7) (7)
19. Ara 5.
20. Semed bena Onu u 'l din. (1 Kron 8, 12) (3)
21. Fi ..., bliet jew kampanja. (Mk 6, 56) (5)
22. Inti kont ... biered. (Għabd 11) (5)

RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' DIĊEMBRU:

1. Ifeġġ; 2. Bawwaj; 3. Itlaq; 4. Ibusu; 5. u 19. Karettun; 6. Haruf; 7. Fraħt; 8. Blata; 9. Ġew; 10. Assweru; 11. u 12. Djarna; 13. Nikteb; 14. Sħiħa; 15. Sabar; 16. Qares; 17. Irjus; 18. Huttafa; 19. ara 5; 20. Kor; 21. Hxuna; 22. Efesu.

Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14

Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa:
KELSEY M. ZARB - SENGLEA

Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).

P O E Ż I J A

DAN L-ISEM TAL-MULEJ

Kliem: Prof. Oliver Friggieri
Melodija mis-Salterju ta' Damon (1579)
u mis-Salterju ta' Este (1592)

Fuq fommna ma' kulħadd
hemm l-Isem tal-Mulej,
matul sigħat il-jum
mis-sebħ sa dħul il-lejl,
dan l-isem isemmuh
fin-nikel u fil-ferħ.

Jekk nogħtru tul it-triq
u f'qalbna jinbet l-hemm,
jekk nibku ħafna dmugħ
u faraġ ma nsibux,
insejħu minnufih
dan l-isem tal-Mulej.

Jekk jisbaħ jum sabiħ
u qalbna tfur bis-sliem,
u nkunu ferħanin
bla ma jonqosna xejn,
malajr fuq fommna jfeġġ
dan l-isem tal-Mulej.

Jekk tagħmel xita qliel
u jkarwat qawwi r-ragħad,
jekk jonfħu fuqna r-rjieħ
u jagħmel ħafna bard,
insejħu lill-Mulej
b'dan l-isem li tajnieh.

X'ħin nisbħu maż-żerniq
u nsellmu 'l-jum il-ġdid,
kif jagħmel bina n-ngħas
u nfittxu lejl mistrieħ,
insejħu lill-Mulej
u ntuh minn qalbna l-ħajr.

Quddiem għasfur itir
u ħdejn il-ward ifuħ,
maġenb il-baħar kalm
u taħt is-sema nir,
minn fommna joħroġ dritt
dan l-isem tal-Mulej.

F'dan l-isem hemm is-sliem,
hemm ħafna ġid maħżun,
hemm l-għaxqa ta' kull qalb,
it-tama tal-ġejjien.
Dan l-isem tal-Mulej
li ġabna fuq din l-art.

Fil-firxa tas-smewwiet,
fil-qiegħ ta' l-oċean,
fl-irkejjen tal-widien,
fil-qċaċet ta' l-għoljiet,
hemm jidwi kullimkien
dan l-isem tal-Mulej.

Dan Ġenn jew tal-Ġenn?



minn Br Dennis CALLEJA OFMCap

Dan ġenn! Hekk qalu n-nies ta' Assisi meta raw lil Franġisku li min ħajja ta' sinjur u xalatur, tant li kienu jqisuh ir-re tal-festi, issa f'daqqa waħda rawh iqassam d-drappijiet ta' missieru u jagħti l-flus lill-foqra. Mhux talli hekk, talli min dak l-ilbies sabiħ beda jilbes ħwejjeġ tal-foqra. Aktar u aktar meta rawh idur bieb bieb biex jittallab x'jiekol, jgħix mal-foqra u jdur bl-imġiddmin. Minn bniedem li ma jonqsu xejn għal wieħed tallab li m'għandux biex jiekol. Dan m'ħux ġenn jew?

Tħawdu, tfixklu u ma setgħux jifhmu l-għala dan il-kambjament kollu fil-ħajja ta' Franġisku. Iżda kienu għadhom ma fehmux li dak li ġara lil Franġisku kienet is-sejħa ta' Ġesù quddiem is-salib ta' San Damjan meta qallu: "Mur u sewwi l-Knisja tiegħi għaliex kif qed tara qiegħda tiġġarraf". Minn dak il-mument ma ħarisx lura iżda kompla jwettaq dak li qallu s-Sid tiegħu Ġesù. Beda jgħix fqir. Ma riedx xejn aktar ħlief li jgħix b'impenn l-Evanġelju. Kien tilef il-ġid materjali kollu iżda kiseb bil-wisq aktar, kiseb il-ferħ li jaf jagħti Ġesù biss u li ħadd ma jista' jieħdu. Iva kien iġġennen wara Ġesù!




Iżda oħrajn meta raw lil Franġisku li ma kellu xejn iżda dejjem kuntent u ferħan bdew jgħidu: "din ħajja tal-ġenn, ħajja bis-sens u sabiħa!". Malajr bdew huma wkoll jingħaqdu miegħu biex huma wkoll jgħixu dak li Franġisku beda jgħix - l-istil tal-ħajja evanġelika. Franġisku stess jgħid: "il-Mulej tani l-aħwa". U kollhom ferħana bdew inisslu l-ferħ ta' Ġesù ma' min jiltaqgħu.

Illum ukoll issib min ma jistax jifhem kif wieħed jitlaq kollox u jħaddan il-ħajja reliġjuża jew saċerdotali. Dawn għalihom hu ġenn, għax jaħsbu li min ser jagħmel hekk ser jitlef, iżda għadhom ma jafux il-ġid kbir li jiksbu li jitilqu kollox sabiex jimxu wara Ġesù. Din ħaġa li mhix mogħtija lil kulħadd iżda lil dawk li huma msejħa. Ġesù stess jgħid li mhux intom għażiltu lili iżda jien għażilt lilkom.

L-istedina li Ġesù għamel lil Franġisku għadu qiegħed jagħmilha illum ukoll biex tgħix ħajja tal-ġenn, ħajja bis-sens fuq il-passi ta' Ġesù. Issa l-għażla f'idejk.

Il-Bord Editorjali ta' DAWL FRANĠISKAN jawgura l-isbaħ xewqat għal SENA ĠDIDA mimlija b'kull PAĊI U ĠID fil-Mulej.

Ikun rigal sabiħ lil Ħutna l-Insara Kenjani, li għal din is-sena nżidu fil-BOROŻ TA' STUDJU



BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.
Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża / saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani. Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
Fr. Joe Alessandro, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana
Tel: 21 233 874 / 21 234 949 / 21 225 525

